ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea L 115

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 50

3 ta' Mejju 2007

Werrej

I *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 489/2007 tat-2 ta' Mejju 2007 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix .................... 1

II *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

**Kummissjoni**

2007/268/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' April 2007 dwar l-implimentazzjoni ta' programmi ta' sorveljenza għall-influwenza tat-tjur fit-tjur ta' l-irziezet u fl-għasafar selvaġġi li għandhom jitwettqu fl-Istati Membri u li temenda d-Deċiżjoni 2004/450/KE** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 1554)* .................... 3

2007/269/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' April 2007 dwar miżuri protettivi fir-rigward anemija infettiva taż-żwiemel fir-Rumanija** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 1652)* [1] .......... 18

2007/270/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' April 2007 dwar il-kontribut finanzjarju mill-Komunità għal miżuri ta' emerġenza għall-ġlieda kontra l-influwenza tat-tjur fl-Olanda fl-2006** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 1746)* .................... 20

2007/271/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' April 2007 rigward il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għall-Konferenza ta' l-OIE fl-2007 bit-tema "Lejn l-eliminazzjoni ta" l-idrofobija fl-Ewroasja** .................... 22

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*



MT

Atti b'titoli b'tipa ċara huma dawk relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' l-affarijiet agrikulturali u huma ġeneralment validi għal perjodu limitat.

It-titoli ta' l-atti l-oħra kollha huma b'tipa skura u preċeduti minn asterisk.

2007/272/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' April 2007 dwar kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għal miżuri ta' emerġenza fil-ġlieda kontra l-influwenza tat-tjur fir-Renju Unit fl-2006** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 1785)* ........ 24

2007/273/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' April 2007 dwar kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għal miżuri ta' emerġenza fil-ġlieda kontra l-influwenza tat-tjur fil-Ġermanja fl-2006** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 1786)* ........ 26

FTEHIM

**Kunsill**

★ **Informazzjoni dwar id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Federati tal-Mikronesja** ........ 28

---

III *Atti adottati skond it-Trattat ta' l-UE*

ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TA' L-UE

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/274/ĠAI tat-23 ta' April 2007 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar is-Sigurtà ta' Informazzjoni Klassifikata** ........ 29

**Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar is-Sigurtà ta' Informazzjoni Klassifikata** ........ 30

MT

I

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 489/2007

**tat-2 ta' Mejju 2007**

**li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3223/94 ta' l-21 ta' Diċembru 1994 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-arranġamenti dwar l-importazzjoni tal-frott u l-ħxejjex ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali tal-Laqgħa ta' l-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 3223/94 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi ta' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness tiegħu.

(2) Fl-applikazzjoni tal-kriterji msemmija hawn fuq, il-valuri fissi ta' l-importazzjoni għandhom ikunu ffissati fil-livelli msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 3223/94 huma stabbiliti kif inhu indikat fit-tabella ta' l-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-3 ta' Mejju 2007.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 2 ta' Mejju 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 337, 24.12.1994, p. 66. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 386/2005 (ĠU L 62, 9.3.2005, p. 3).

*ANNESS*

**tar-Regolament tal-Kummissjoni tat-2 ta' Mejju 2007 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur fiss ta' l-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MA | 48,6 |
| | TN | 127,8 |
| | TR | 140,3 |
| | ZZ | 105,6 |
| 0707 00 05 | JO | 196,3 |
| | MA | 69,3 |
| | MK | 53,2 |
| | TR | 109,7 |
| | ZZ | 107,1 |
| 0709 90 70 | TR | 106,1 |
| | ZZ | 106,1 |
| 0805 10 20 | EG | 41,7 |
| | IL | 69,7 |
| | MA | 44,8 |
| | TN | 50,1 |
| | ZZ | 51,6 |
| 0805 50 10 | IL | 61,4 |
| | ZZ | 61,4 |
| 0808 10 80 | AR | 80,6 |
| | BR | 80,3 |
| | CA | 99,8 |
| | CL | 86,1 |
| | CN | 100,5 |
| | NZ | 129,9 |
| | US | 109,5 |
| | UY | 65,9 |
| | ZA | 85,9 |
| | ZZ | 93,2 |

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

II

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tat-13 ta' April 2007**

**dwar l-implimentazzjoni ta' programmi ta' sorveljenza għall-influwenza tat-tjur fit-tjur ta' l-irziezet u fl-għasafar selvaġġi li għandhom jitwettqu fl-Istati Membri u li temenda d-Deċiżjoni 2004/450/KE**

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 1554)*

(2007/268/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-qasam veterinarju ([1]), u b'mod partikolari ir-raba' sottoparagrafu ta' l-Artikolu 24(2) u l-Artikolu 10 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE ta' l-20 ta' Diċembru 2005 dwar miżuri Komunitarji għall-kontroll ta' l-influwenza tat-tjur u li tirrevoka d-Direttiva 92/40/KEE ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-ispiża fil-qasam veterinarju tistabbilixxi l-proċeduri li jiggvernaw il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għall-programmi ta' eradikazzjoni, kontroll u monitoraġġ tal-mard ta' l-annimali.

(2) Id-Deċiżjoni 90/424/KEE, kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/53/KE ([3]), tipprevedi li għajnuna finanzjarja tal-Komunità tista' tingħata lill-Istati Membri għal dawk il-miżuri ta' eradikazzjoni mwettqa mill-Istati Membri biex jikkombattu varjanti ta' l-influwenza tat-tjur b'patoġenità baxxa (LPAI) li huma magħrufa li jistgħu jagħmlu mutazzjoni għal influwenza avjarja b'patoġenità għolja (HPAI). Barra minn hekk, l-Artikolu 24(2) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE tipprevedi li l-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni, kull sena sat-30 ta' April l-aktar tard, il-programmi annwali jew multi-annwali u jibdew mis-sena ta' wara li fiha jixtiequ jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità.

(3) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/40/KEE tad-19 ta' Mejju 1992 li tintroduċi l-miżuri Komunitarji għall-kontroll ta' l-influwenza tat-tjur ([4]) tiddefinixxi l-miżuri ta' kontroll Komunitarji li għandhom jiġu applikati fil-każ li jkun hemm tifqigħa ta' l-influwenza tat-tjur b'patoġenità għolja (HPAI) fit-tjur ta' l-irziezet. Madankollu, ma tipprevedix għall-kontroll ta' l-influwenza tat-tjur b'patoġentià baxxa (LPAI) tas-sottotipi H5 u H7 u lanqas għal sorveljanza regolari ta' dik il-marda fit-tjur ta' l-irziezet u dawk slavaġ.

(4) L-Istati Membri ilhom mill-2002 jimplimentaw is-servejs obbligatorji għall-influwenza tat-tjur fit-tjur domestiċi billi jissottomettu programmi annwali ta' sorveljanza lill-Kummissjoni, kif previst fid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2002/649/KE ([5]), 2004/111/KE ([6]), 2005/464/KE ([7]) u 2006/101/KE ([8]).

(5) Id-Direttiva 2005/94/KE li tirrevoka d-Direttiva 92/40/KEE tipprevedi ċertu miżuri preventivi relatati mas-sorveljanza u s-sejba minn kmieni ta' l-influwenza tat-tjur. Id-data finali għat-traspożizzjoni ta' dik id-Direttiva mill-Istati Membri hija l-1 ta' Lulju 2007 u tipprevedi revoka tad-Direttiva 92/40/KEE sa minn dik id-data.

([1]) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/965/KE (ĠU L 397, 30.12.2006, p. 22).
([2]) ĠU L 10, 14.1.2006, p. 16.
([3]) ĠU L 29, 2.2.2006, p. 37.
([4]) ĠU L 167, 22.6.1992, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/104/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 352).
([5]) ĠU L 213, 9.8.2002, p. 38.
([6]) ĠU L 32, 5.2.2004, p. 20. Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni 2004/615/KE (ĠU L 278, 27.8.2004, p. 59).
([7]) ĠU L 164, 24.6.2005, p. 52. Deċiżjoni kif emendata permezz tad-Deċiżjoni Nru 2005/726/KE (ĠU L 273, 19.10.2005, p. 21).
([8]) ĠU L 46, 16.2.2006, p. 40.

(6) Il-miżuri tal-Komunità għall-kontroll ta' l-influwenza tat-tjur provduti fid-Direttiva 2005/94/KE ikopru wkoll it-tifqigħat ta' l-LPAI ikkawżati mill-influwenza tat-tjur tas-sottotipi H5 u H7 fit-tjur ta' l-irziezet. Sabiex tinstab iċ-ċirkolazzjoni possibbli ta' dawk il-vajrusijiet fit-tjur ta' l-irziezet għandhom jiġu implimentati mill-Istati Membri programmi obbligatorji ta' sorveljanza. Dawk il-miżuri ta' kontroll għandu jkollhom l-għan li jwaqqfu l-firxa ta' l-LPAI tas-sottotipi H5 u H7 qabel ma jilħqu l-parti l-kbira tal-popolazzjoni tat-tjur domestiċi sabiex ir-riskju ta' mutazzjoni għall-HPAI b'possibbiltà ta' konsegwenzi devastanti tista' tiġi evitata.

(7) Id-Direttiva 2005/94/KE tipprevedi wkoll għal programmi ta' sorveljanza li jridu jitwettqu f'għasafar slavaġ sabiex isir kontribut, fuq il-bażi ta' assessjar tar-riskju aġġornat regolarment, lit-tagħrif tat-theddid impost fuq għasafar slavaġ f'relazzjoni ma' kull vajrus ta' l-influwenza li joriġina li jaffettwa l-għasafar.

(8) Huwa importanti li l-attivitajiet ta' sorveljanza jiġu msaħħa aktar minħabba l-iżviluppi riċenti fir-rigward ta' okkorrenza mifruxa ta' l-HPAI H5N1 fl-għasafar slavaġ fl-Ewropa, meta wieħed jieħu kont tar-riżultati tas-servejs imwettqa fl-Istati Membri bejn l-2003 u l-2006 u x-xogħol xjentifiku li daħlet għalih l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà ta' l-Ikel (l-EFSA) [1] f'kollaborazzjoni mal-Grupp Xjentifiku ta' Ħidma ORNIS tad-Direttorat Ġenerali ta' l-Ambjent tal-Kummissjoni Ewropea. Dawk il-korpi se jkomplu bix-xogħol tagħhom u r-riżultati tiegħu jistgħu jwasslu għal aktar aġġornamenti.

(9) Waqt l-implimentazzjoni tal-programmi ta' sorveljanza għall-għasafar slavaġ għandha tingħata attenzjoni lill-kundizzjonijiet tad-Direttiva 79/409/KEE [2] dwar il-ħarsien u l-konservazzjoni ta' l-ispeċi kollha ta' għasafar slavaġ li hemm fil-Komunità.

(10) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/450/KE tad-29 ta' April 2004 li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet standard għall-kontenut ta' l-applikazzjonijiet għall-iffinanzjar tal-Komunità għall-programmi ta' l-eradikazzjoni, monitoraġġ u kontroll tal-mard [3], tistabbilixxi kundizzjonijiet standard għall-kontenut ta' l-applikazzjonijiet għall-programmi ta' ffinanzjar tal-Komunità għall-eradikazzjoni, monitoraġġ u kontroll tal-mard ta' l-annimali.

(11) Minħabba li d-Deċiżjoni 90/424/KE, issa tipprovdi li kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għandha tingħata għan-nefqa mħallsa mill-Istati Membri għall-iffinanzjar tal-programmi nazzjonali għall-eradikazzjoni, kontroll u monitoraġġ ta' ċertu mard ta' l-annimali, inkluż l-influwenza tat-tjur, l-Istat Membru jista' jissottometti lill-Kummissjoni programmi ta' sorveljanza għall-influwenza tat-tjur għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità mhux aktar tard mit-30 ta' April kull sena skond l-Art. 24(2) tad-Deċiżjoni 90/424/KE. Id-Deċiżjoni 2004/450/KE għandha tiġi emendata sabiex tistabbilixxi kundizzjonijiet standard għall-kontenut ta' l-applikazzjonijiet għal finanzjar tal-Komunità għal programmi ta' sorveljanza ta' l-influwenza tat-tjur.

(12) Id-Deċiżjoni 2004/450/KE għandha għalhekk tiġi emendata skond dan.

(13) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Approvazzjoni tal-programmi ta' sorveljanza għall-influwenza tat-tjur**

Il-programmi ta' sorveljanza għall-influwenza tat-tjur fl-għasafar ta' l-irziezet u l-għasafar slavaġ għandhom jitwettqu mill-Istat Membru, skond l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2005/94/KE, għandhom jikkonformaw mal-linjigwida stabbiliti fl-Annessi I u II ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

**Emendi għad-Deċiżjoni 2004/450/KE**

Id-Deċiżjoni 2004/450/KE qed tkun emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu, 1 jiżdied il-punt (c) li ġej:

'(c) fir-rigward ta' mard ta' l-annimali msemmi fl-Anness I, Parti C, għall-anqas l-informazzjoni stabbilita fl-Anness IV.'

(2) Fl-Anness I, tiżdied il-Parti C li ġejja:

'PARTI C

Marda msemmija fl-Artikolu 1(c)

influwenza tat-tjur.'

(3) L-Anness IV ġdid, li t-test tiegħu huwa stabbilit fl-Anness III għal din id-Deċiżjoni, huwa miżjud.

[1] Opinjoni xjentifika dwar 'Għasafar migratorji u r-rwol possibbli tagħhom fil-firxa ta' l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja' (EFSA, 12 ta' Mejju 2006) u l-addendum tagħha (11 ta' Diċembru 2006).
[2] ĠU L 103, 25.4.1979, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/105/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 368).
[3] ĠU L 155, 30.4.2004, p. 90. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/282/KE (ĠU L 104, 13.4.2006, p. 40).

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 13 ta' April 2007.

*Għall-Kummissjoni*
Markos KYPRIANOU
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS I*

**Linjigwida dwar l-implimentazzjoni tal-programmi ta' sorveljanza għall-influwenza tat-tjur fit-tjur ta' l-irziezet li jridu jitwettqu fl-Istati Membri**

A. **Għanijiet, kundizzjonijiet u kriterji ġenerali għall-istħarriġ**

A.1. *Għanijiet*

Is-sorveljanza seroloġika għall-LPAI tas-sottotipi H5 u H7 fit-tjur għandu jkollha l-għan li:

1. Issib infezzjonijiet sotto-kliniċi ta' l-LPAI tas-sottotipi H5 u H7 u b'hekk tikkumplimenta s-sistemi ta' sejbien minn kmieni u sussegwentement tipprevjeni l-mutazzjoni possibbli ta' dawn il-vajrusijiet għall-HPAI.

2. Issib infezzjonijiet ta' l-LPAI tas-sottotipi H5 u H7 f'popolazzjonijiet tat-tjur ta' l-irziezet immirati b'mod speċifiku u li għandhom riskju speċifiku għal infezzjoni minħabba s-sistema tagħhom ta' trobbija jew is-suxxettibbiltà għal speċi speċifiċi.

3. Tikkontribwixxi għad-demostrazzjoni ta' status ħieles ta' ċertu pajjiż, reġjun jew kumpartiment fil-qafas tal-kummerċ internazzjonali skond ir-regoli ta' l-OIE.

A.2. *Kundizzjonijiet u kriterji ġenerali*

1. It-teħid tal-kampjuni m'għandux isir wara l-31 ta' Diċembru tas-sena ta' implimentazzjoni tal-programm. Għat-tjur ta' l-irziezet, il-ġbir ta' kampjuni għandu jkopri perjodu li jkun addattat għall-perjodi ta' produzzjoni għal kull kategorija ta' tjur kif meħtieġ.

2. Sabiex ma jinħlewx ir-riżorsi, il-kampjuni miġbura għal skopijiet oħra huma rakkomandati.

3. L-ittestjar ta' kampjuni għandu jsir mil-Laboratorji Nazzjonali għall-influwenza tat-tjur (LN) fl-Istati Membri jew minn laboratorji oħra awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti u taħt il-kontroll tal-LN.

4. Ir-riżultati kollha (kemm seroloġiċi kif ukoll viroloġiċi) għandhom jintbagħtu lil-Laboratorju ta' Riferenza tal-Komunità għall-Influwenza tat-Tjur (LRK) biex jinġabru flimkien. Ċirkulazzjoni tajba ta' informazzjoni għandha tkun żgurata. L-LRK għandu jipprovdi appoġġ tekniku u jżid fil-ħażna ta' reaġenti dijanjostiċi.

5. L-iżolati kollha tal-vajrus ta' l-influwenza tat-tjur għandhom jiġu sottomessi lil-LRK b'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Komunità, sakemm ma tingħatax deroga mill-paragrafu 4 tal-Kapitolu V (Differenzi dijanjostiċi) fil-manwal dijanjostiku stabbilit fid-Deċiżjoni 2006/437/KE ([1]). Il-viruses tas-sottotip H5/H7 għandhom jiġu mressqa mingħajr dewmien u għandhom ikunu suġġetti għal testijiet ta' karatterizzazzjoni standard (nucleotide sequencing/IVPI) skond il-Manwal Dijanjostiku.

6. Kull meta jkun possibbli, l-LN għandhom jissottomettu lil-LRK, *sera* pożittivi H5 jew H7 miġbura minn Anseriformes sabiex ikun jista' jiġi stabbilit arkivju biex jiffaċilita żvilupp futur tat-test.

B. **Sorveljanza għall-influwenza tat-tjur fit-tjur ta' l-irziezet**

1. Kull sejba pożittiva għandha tiġi investigata b'mod retrospettiv fl-istabbiliment u l-konklużjonijiet ta' din l-investigazzjoni għandhom jiġu rrapurtati lill-Kummissjoni u lil-LRK.

2. Protokolli speċifiċi li għandhom jakkumpanjaw il-materjal li se jintbagħat lil-LRK u rapporti f'forma ta' tabelli tal-ġbir tad-*data* tas-sorveljanza għandhom jiġu pprovduti mil-LRK. Il-metodi ta' ttestjar użati fil-laboratorju għandhom jiġu indikati f'dawk it-tabelli. It-tabelli pprovduti għandhom jintużaw biex jitressqu riżultati f'dokument wieħed.

([1]) ĠU L 237, tal-31.8.2006, p. 1.

3. Kampjuni tad-demm għal eżami seroloġiku għandhom jinġabru mill-ispeċi kollha tat-tjur ta' l-irziezet inklużi dawk imrobbija f'sistemi fil-beraħ, minn ta' l-inqas 5 sa 10 għasafar (minbarra papri, wiżż u summien) kull stabbiliment, u minn barrakki differenti jekk hemm iktar minn barrakka waħda preżenti fl-istabbiliment. F'każ ta' għadd ta' barrakki id-daqs tal-kampjun għandu jiżdied b'mod xieraq. Qed ikun rakkomandat li jittieħdu għall-anqas 5 tjur minn kull barrakka.

4. Il-ġbir tal-kampjuni għandu jkun stratifikat f'kull parti mit-territorju ta' l-Istat Membru kollu, sabiex il-kampjuni jkunu jistgħu jitqiesu bħala rappreżentattivi ta' l-Istat Membru kollu, meta jitqies:

(a) in-numru ta' stabbilimenti minn fejn se jsir il-ġbir ta' kampjuni (minbarra papri, wiżż u dundjani); dak in-numru għandu jiġi definit sabiex tkun żgurata l-identifikazzjoni ta' għall-inqas stabbiliment wieħed infettat jekk il-prevalenza ta' l-istabbilimenti infettati hi għall-inqas 5 %, b'intervall ta' kunfidenza ta' 95 %; (ara Tabella 1); kif ukoll

(b) in-numru ta' għasafar li minnhom ittieħdu kampjuni minn kull stabbiliment għandu jiġi definit sabiex tkun żgurata probabbilità ta' 95 % li jiġi identifikat għall-inqas għasfur pożittiv wieħed jekk il-prevalenza ta' għasafar sero-pożittivi hi ta' ≥30 %.

5. It-tifsil tal-ġbir ta' kampjuni, ibbażat fuq evalwazzjoni tar-riskju u s-sitwazzjoni speċifika ta' l-Istat Membru kkonċernat, għandu jikkunsidra:

(a) It-tipi ta' produzzjoni u r-riskji speċifiċi tagħhom, għandhom ikunu mmirati lejn produzzjoni fil-beraħ, qatgħat miżmuma fil-beraħ u qatgħat privati u għandhom jiġu kkunsidrati wkoll fatturi oħra bħal etajiet varji, użu ta' l-ilma tal-wiċċ, ħajja relattivament itwal, il-preżenza ta' iktar minn speċi waħda fl-istabbiliment jew fatturi oħra rilevanti.

(b) In-numru ta' stabbilimenti tad-dundjani, tal-papri u tal-wiżż li minnhom se jinġabru kampjuni għandu jiġi ddefinit biex tkun żgurata l-identifikazzjoni għall-inqas ta' stabbiliment wieħed infettat jekk il-prevalenza ta' l-istabbilimenti infettati hi għall-inqas ta' 5 %, b'intervall ta' kunfidenza ta' 99 % (ara Tabella nru 2).

(ċ) Fejn hemm numru sinifikanti ta' stabbilimenti li jipproduċu tjur tal-kaċċa, ratiti u summien preżenti fi Stat Membru dawn għandhom jiġu inklużi fil-programm. Fir-rigward tas-summien, dawk li jrabbu summien adulti (jew summien biex ibid) biss għandu jsirilhom ġbir ta' kampjuni.

(d) Il-perjodu ta' żmien għall-ġbir ta' kampjuni għandu jikkoinċidi mal-produzzjoni ta' l-istaġun. Madankollu, fejn xieraq, il-ġbir ta' kampjuni jista' jiġi addattat għall-perjodi oħra identifikati fuq livell lokali, fejn matul dan iż-żmien il-preżenza ta' tjur ospiti fi stabbiliment tista' tippreżenta riskju ikbar għall-introduzzjoni tal-marda.

(e) F'każ li numru sinifikanti ta' tjur imrobbija fid-djar ikunu preżenti, is-sorveljanza għandha tiġi estiża għalihom.

(f) L-Istati Membri li għandhom jagħmlu l-ġbir ta' kampjuni għall-marda Newcastle biex iżommu l-istatus tagħhom ta' pajjiżi li ma jlaqqmux għall-marda Newcastle skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/327/KE ([1]) jistgħu jużaw dawn il-kampjuni minn qatgħat tat-tjur għat-trobbija għas-sorveljanza ta' l-anti-korpi ta' l-H5/H7.

*Tabella 1*

**Numri ta' stabbilimenti minn fejn se jsir ġbir ta' kampjuni ta' kull kategorija tat-tjur ta' l-irziezet (minbarra stabbilimenti tad-dundjan, tal-papri u tal-wiżż)**

| Numru ta' stabbilimenti għal kull kategorija ta' tjur ta' l-irziezet għal kull Stat Membru | Numru ta' stabbilimenti minn fejn għandu jsir ġbir ta' kampjuni |
|---|---|
| Sa 34 | Kollha |
| 35 -50 | 35 |
| 51-80 | 42 |
| 81-250 | 53 |
| > 250 | 60 |

([1]) ĠU L 146, tal-11.6.1994, p. 17.

*Tabella 2*

**Numru ta' stabbilimenti tad-dundjan, tal-papri u tal-wiżż minn fejn għandu jsir ġbir ta' kampjuni**

| Numru ta' stabbilimenti għal kull Stat Membru | Numru ta' stabbilimenti minn fejn għandu jsir ġbir ta' kampjuni |
|---|---|
| Sa 46 | Kollha |
| 47 -60 | 47 |
| 61-100 | 59 |
| 101-350 | 80 |
| > 350 | 90 |

C. **Rekwiżiti speċifiċi għall-osservazzjoni ta' infezzjonijiet bis-sottotipi H5/H7 ta' l-influwenza tat-tjur fil-papri, il-wiżż u s-summien**

1. Kampjuni tad-demm għat-testijiet seroloġiċi għandhom jittieħdu preferibbilment minn għasafar li jinżammu fil-beraħ fl-għelieqi.

2. Minn kull stabbiliment magħżul għandhom jittieħdu 40-50 kampjun tad-demm għat-testijiet seroloġiċi.

3. F'każ li qatgħat kummerċjali ma jkunux preżenti, is-sorveljanza tista' titwettaq fuq qatgħat privati.

D. **Testijiet fil-laboratorju**

1. Testijiet fil-laboratorju għandhom isiru skond il-manwal dijanjostiku għall-influwenza tat-tjur (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/437/KE) li tistabbilixxi l-proċeduri għall-konferma u dijanjosi differenzjali ta' l-influwenza tat-tjur (inkluż l-eżami tas-sera minn papri u wiżż permezz tat-test tal-haemagglutination-inhibition (HI)).

2. Madankollu, jekk huma previsti testijiet fil-laboratorju, mhux stabbiliti fil-manwal dijanjostiku u lanqas deskritti fil-Manwal Terrestri ta' l-OIE, l-Istati Membri għandhom jipprovdu d-data ta' validità meħtieġa lil-LRK, filwaqt li jressqu l-programm lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni.

3. Is-sejbiet seroloġiċi pożittivi kollha għandhom ikunu kkonfermati mil-Laboratorji Nazzjonali għall-influwenza tat-tjur permezz ta' test tal-haemagglutination-inhibition, bl-użu ta' kampjuni indikati fornuti mil-Laboratorju ta' Referenza tal-Komunità għall-Influwenza tat-Tjur.

   *H5* (a) Test tal-bidu bl-użu ta' Ostrich/Denmark/72420/96 (H5N2)

   (b) Ittestjar tal-pożittivi kollha bid-Duck/Denmark/64650/03 (H5N7) biex jiġi eliminat l-anti-korp kross-reattiv N2.

   *H7* (a) Test tal-bidu bl-użu tat-Turkey/England/647/77 (H7N7)

   (b) Ittestjar tal-pożittivi kollha bl-African Starling/983/79 (H7N1) biex jiġi eliminat l-anti-korp kross-reattiv N7.

*ANNESS II*

**Linjigwida dwar l-implimentazzjoni tal-programmi ta' sorveljanza għall-influwenza tat-tjur fit-tjur slavaġ li jridu jitwettqu fl-Istati Membri**

A. **Għanijiet, kundizzjonijiet u kriterji ġenerali għall-istħarriġ**

A1. *Għanijiet*

Is-sorveljanza viroloġika għall-influwenza tat-tjur fl-għasafar slavaġ għandha l-għan li tidentifika l-introduzzjoni tal-vajrusijiet AI (LPAI u HPAI) fil-tjur domestiċi billi:

— tiżgura sejbien minn kmieni ta' l-HPAI H5N1 billi tinvestiga aktar inċidenza tal-morbidità u mortalità fit-tjur slavaġ, b'mod partikolari fi speċji magħżula li għandhom 'riskju għoli';

— fl-eventwalità li l-jinstab fl-għasafar slavaġ l-HPAI H5N1, imbagħad is-sorveljanza ta' għasafar slavaġ ħajjin u mejta għandha tiżdied biex jiġi determinat jekk l-għasafar slavaġ ta' speċi oħra jistgħux jaġixxu bħala trasportaturi asimptomatiċi jew *'bridge species'* (ara Parti E ta' dan l-Anness);

— tkomplija tas-sorveljanza bażika ta' speċi differenti ta' għasafar li jemigraw ħajjin bħala parti mill-monitoraġġ kontinwu tal-vajrus LPAI. L-Anseriformes (għasafar ta' l-ilma) u l-Charadriiformes (għasafar tal-kosta u gawwi) għandhom ikunu l-għasafar li minnhom jittieħdu l-kampjuni ewlenin sabiex jiġi evalwat jekk iġorrux il-vajrus LPAI tas-sottotipi H5 u H7 (li f'kwalunkwe każ jinstab ukoll l-HPAI H5N1 u HPAI ieħor, jekk ikun preżenti). 'Speċji b'riskju għoli' għandhom jiġu mmirati b'mod partikolari.

A2. *Kundizzjonijiet u kriterji ġenerali*

1. It-teħid tal-kampjuni m'għandux isir wara l-31 ta' Diċembru tas-sena ta' l-implimentazzjoni tal-programm.

2. L-ittestjar tal-kampjuni għandu jsir mil-Laboratorji Nazzjonali għall-influwenza tat-tjur (LN) fl-Istati Membri jew minn laboratorji oħra awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti u taħt il-kontroll tal-LN.

3. Ir-riżultati kollha għandhom jintbagħtu lil-Laboratorju ta' Riferenza tal-Komunità għall-Influwenza tat-Tjur (LRK) biex jinġabru flimkien. Ċirkulazzjoni tajba ta' informazzjoni għandha tkun żgurata. Il-LRK għandu jipprovdi appoġġ tekniku u jżid fil-ħażna ta' reaġenti dijanjostiċi.

4. L-iżolati kollha tal-vajrus ta' l-influwenza tat-tjur fl-għasafar slavaġ għandhom jiġu sottomessi lil-LRK b'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Komunità, sakemm ma tingħatax deroga mill-paragrafu 4 tal-Kapitolu V (Differenzi dijanjostiċi) fil-manwal dijanjostiku stabbilit fid-Deċiżjoni 2006/437/KE. Il-vajrusijiet tas-sottotip H5/H7 għandhom jiġu mressqa mingħajr dewmien u għandhom ikunu suġġetti għal testijiet ta' karatterizzazzjoni standard (nucleotide sequencing/IVPI) skond il-manwal dijanjostiku msemmi.

B. **Sorveljanza dwar l-influwenza tat-tjur fl-għasafar selvaġġi**

*Disinn u implimentazzjoni*

Kooperazzjoni mill-qrib ma' epidemoloġisti u ornitologi u l-awtorità kompetenti għall-konservazzjoni tan-Natura għandha tiġi żgurata waqt it-tfassil tas-sorveljanza, għajnuna fl-identifikazzjoni ta' l-ispeċi u t-teħid ta' kampjuni bl-aħjar mod. It-tfassil tas-sorveljanza għandu jiġi adattat għas-sitwazzjoni nazzjonali fir-rigward ta' l-għażla ta' l-ispeċi li tintuża bħala kampjun skond il-predominanza ta' l-ispeċi u d-daqsijiet tal-popolazzjoni ta' l-għasafar. It-teħid tal-kampjuni għandu jikkonsidra l-istaġuni tat-tendenzi tal-migrazzjoni li jistgħu jvarjaw fi Stati Membri differenti. Għandu jieħu kont tal-komportament ta' l-ispeċi ta' l-għasafar fir-rigward ta' rotot li jieħdu meta jemigraw, abitati prinċipali u grad ta' taħlit meta jemigraw u r-riżultati miksuba minn sorveljanza preċedenti matul l-2003-2006. Barra minn hekk, reviżjoni kontinwa u *feedback* jiġu provduti permezz tal-grupp ta' ħidma AI għas-sorveljanza ta' l-għasafar li qed janalizzaw *data* ġdida meta tkun disponibbli.

Għall-H5N1 HPAI, dawn il-fatturi kollha għandhom jiġu kunsidrati f'relazzjoni mal-probabbiltà ta' l-iskopertura ta' l-għasafar slavaġ fi tjur infettati u għasafar slavaġ f'żoni ta' tifqigħat u l-probabbiltà ta' kuntatt ta' għasafar slavaġ ma' tjur domestiċi fis-sistemi ta' trobbija tat-tjur fl-Istati Membri differenti.

Sabiex jiġu evalwati dawn il-probabbiltajiet, it-tabelli ta' deċiżjoni fl-opinjoni ta' l-EFSA ([1]), li tfasslu f'kollaborazzjoni mad-Direttorat Ġenerali ta' l-Ambjent tal-Kummissjoni Ewropea jistgħu jipprovdu għodda effettiva għall-valutazzjoni tar-riskju lokali ta' l-Istati Membri biex jadattaw għal sitwazzjoni li qed tevolvi bbażata fuq kollaborazzjoni mill-qrib u skambjar ta' opinjonijiet bejn l-Istati Membri.

Se tiġi mħeġġa kooperazzjoni ma' l-istituzzjonijiet ta' konservazzjoni u ta' l-osservazzjoni ta' l-għasafar u ta' l-istazzjonijiet fejn l-għasafar jiġu mmarkati bi ċrieket. Fejn hu xieraq, il-ġbir tal-kampjuni għandu jsir taħt is-sorveljanza ta' staff minn dawn il-gruppi/stazzjonijiet jew minn kaċċaturi u persuni oħra li għandhom ħiliet fil-qasam ta' l-ornitoloġija.

1. Sorveljanza passiva ta' għasafar morda u mejta għandha tiffoka fuq:

   (a) żoni fejn hemm aktar inċidenza ta' morbidità u mortalità f'għasafar slavaġ;

   (b) żoni viċin tal-baħar, xmajjar u kanali ta' l-ilma fejn jinstabu għasafar mejta; u b'mod partikolari meta dawn l-oqsma jkunu viċin ta' rziezet ta' tjur domestiċi;

   (ċ) għasafar li jappartjenu għal speċi 'b'riskju ogħla' elenkati f'parti D u għasafar oħra slavaġ li jgħixu qrib tagħhom.

2. Barra minn hekk, l-investigazzjoni ta' għasafar slavaġ ħajjin u mejta f'żoni fejn każijiet ta' l-H5N1 instabu għandhom idealment jimmiraw fuq:

   (a) għasafar slavaġ jew domestiċi sabiex possibilment jiġi identifikati trasportaturi asimptomatiċi;

   (b) f'żoni marbuta epidemoloġikament ma' dawn il-każijiet;

   (ċ) għasafar li jistgħu jkollhom kuntatt ma' postijiet fejn hemm tjur domestiċi (żoni protetti, żoni ta' sorveljanza u żona B), li jistgħu jservu l-funzjoni ta' *'bridge species'*, b'mod partikolari dawk li huma elenkati fil-parti E.

3. Sorveljanza attiva fuq għasafar ħajjin, klinikament b'saħħithom u/jew klinikament morda, mweġġgħa jew ikkaċċjati għandhom jiġu mmirati:

   (a) għasafar li jemigraw li jappartjenu għall-ordnijiet ta' l-Anseriformes (għasafar ta' l-ilma) and Charadriiformes (għasafar tal-kosta u gawwi);

   (b) f'żoni identifikati għall-konċentrazzjoni u t-taħlit ta' numru għoli ta' għasafar migratorji li jinvolvu speċji differenti u b'mod partikolari meta dawk iż-żoni jkunu qrib ta' rziezet tat-tjur domestiċi;

   (ċ) għażla ta' speċji b'riskju għoli ([2]).

*Proċeduri ta' ġbir tal-kampjuni*

1. Kampjuni orofarinġali u mill-kloaka għal eżaminazzjoni viroloġika għandhom jittieħdu minn għasafar ħajjin li jidhru b'saħħithom. Jekk għal xi raġuni ma jkunx prattiku li jittieħdu kampjuni mill-kloaka minn għasafar ħajjin jistgħu jittieħdu kampjuni ta' feċi miġbur riċenti. Madankollu għandha tiġi żgurata t-traċċabbiltà f'siti mħallta iffrekwentati minn speċi ta' għasafar differenti.

([1]) Opinjoni xjentifika dwar 'Għasafar migratorji u r-rwol possibbli tagħhom fil-firxa ta' l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja' (EFSA, 12 ta' Mejju 2006).
([2]) Għandha tiġi provduta mid-Direttorat Ġenerali ta' l-Ambjent tal-Kummissjoni Ewropea.

2. Kampjuni mill-kloaka u trakeali jew orofarinġali u/jew kampjuni mit-tessuti (il-moħħ, il-qalb, il-pulmuni, il-kliewi, it-trakea u l-imsaren) ta' għasafar selvaġġi li jinstabu mejtin jew li ġew sparati għall-iżolazzjoni virali u l-analiżi molekolari (PCR).

3. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-ħażna u t-trasport tal-kampjuni. Il-kampjuni għandhom jitkessħu immedjatament permezz tas-silġ jew permezz ta' pakketti tal-ġell u sottomessi lil-laboratorju malajr kemm jista' jkun. Il-kampjuni m'għandhomx jiġu ffriżati sakemm dan ma jkunx assolutament meħtieġ. Jekk ikunu disponibbli, il-kampjuni għandhom jitqiegħdu f'*medium* tat-trasport speċifiku jew antibijotiku sabiex ikunu mgħarrqa fih. It-tqegħid tal-kampjuni fil-*medium* għat-trasportazzjoni għandu jsir flimkien mat-tkessiħ u mhux bħala alternattiva għat-tkessiħ. Fin-nuqqas ta' *medium* simili, il-kampjuni jridu jiġu rritornati fil-kaxxa tagħhom u sottomessi niexfa. Jekk it-trasport rapidu fi żmien 48 siegħa lejn il-laboratorju (fil-medju għat-trasport f' temperatura ta' 4° Celsius) mhux garantit, il-kampjuni għandhom jiġu ffriżati immedjatament, jinħażnu u imbagħad jiġu trasportati fid-*dry ice*. Il-ħażna u t-trasportazzjoni tal-kampjuni tista' tiġi affettwata minn varjetà ta' fatturi u għalhekk il-metodu magħżul għandu jkun adatt għall-iskop.

4. Il-proċeduri tat-teħid tal-kampjuni għandhom jitwettqu skond il-manwal dijanjostiku ta' l-influwenza tat-tjur (Deċiż-joni tal-Kummissjoni 2006/437/KE) li tistabbilixxi proċeduri għall-konferma u d-dijanjostika differenzjali ta' l-influwenza tat-tjur.

C. **Testijiet fil-laboratorju**

1. It-testijiet fil-Laboratorju għandhom jitwettqu skond il-manwal dijanjostiku ta' l-influwenza tat-tjur (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/437/KE) li tistabbilixxi proċeduri għall-konferma u d-dijanjostika differenzjali ta' l-influwenza tat-tjur.

2. Madankollu, jekk huma previsti testijiet fil-laboratorju, mhux stabbiliti fil-manwal dijanjostiku u lanqas deskritti fil-Manwal Terrestri ta' l-OIE, l-Istati Membri għandhom jipprovdu d-data ta' validità meħtieġa lil-LRK, filwaqt li jressqu l-programm lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni.

3. Il-kampjuni kollha miġbura fis-sorveljanza għall-influwenza tat-tjur fl-għasafar slavaġ għandhom jiġu ttestjati malajr kemm jista' jkun b'tekniki molekulari jekk disponibbli u skond il-manwal dijanjostiku (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/437/KE). Dawn it-testijiet għandhom isiru biss f'laboratorji li jistgħu jiggarantixxu assigurazzjoni tal-kwalità u billi jintużaw metodi li huma rikonoxxuti mil-LRK għall-influwenza tat-tjur. Barra minn hekk, il-metodi użati jridu jkunu pproduċew riżultati aċċettabbli fl-aktar test kumparattiv riċenti tal-laboratorji nazzjonali. L-iskrinjar tal-bidu billi tintuża l-ġeni M PCR huwa rakkomandat, b'testjar ta' malajr ta' dawk li jirriżultaw pożittivi għall-H5 (imma fi żmien ġimagħtejn) u fil-każ ta' sejba pożittiva għandu jsir analiżi tas-sit tal-ġbir malajr kemm jista' jkun biex jiġi determinat jekk hemmx motif ta' HPAI jew LPAI. Jekk jiġi konfermat H5 HPAI trid issir malajr aktar analiżi biex jiġi determinat it-tip N (anke dan jista' jipproduċi biss evidenza li telimina l-N1).

4. Fil-laboratorju, il-ġbir ta' massimu ta' ħames kampjuni meħuda mill-istess speċi miġbura mill-istess post u fl-istess ħin jista' jiġi permess meta jista' jiġi żgurat li, fil-każ ta' sejba pożittiva, il-kampjuni individwali jistgħu jiġu identifikati u ttestjati mill-ġdid.

5. Is-sorveljanza seroloġika m'għandhiex tapplika għall-investigazzjonijiet ta' l-influwenza tat-tjur fl-għasafar slavaġ minħabba li l-metodi seroloġiċi ma jistgħux jiddistingwu bejn il-varjanti HP u LP u s-sejbiet ta' l-antikorpi ma jippermettux inferenza f'relazzjoni mal-post probabbli minn fejn ikunu setgħu ġew l-għasafar li ġew infettati. Madankollu, is-sorveljanza seroloġika tista' tkun importanti biex tistudja f'liema speċi ta' għasafar residenti jew li jemigraw kienu/huma prevalenti (jew endemiċi) l-vajrusijiet H5/H7. Analiżi simili għandha titwettaq biss minn laboratorji speċjalizzati billi tintuża ġabra magħżula tajjeb ta' antiġeni biex tiġi żgurata s-sejba ta' antikorpi speċifiċi haemagglutinin (i.e. biex tiġi elimenata l-possibbiltà ta' interferenza mill-antikorpi speċifiċi N).

D. **Lista proviżorja ta’ speċi ta’ għasafar selvaġġi li jippreżentaw riskju ogħla fir-rigward ta’ l-influwenza tat-tjur** (*)

| Isem Komuni | Isem Xjentifiku |
|---|---|
| Bewick’s Swan | *Cygnus columbianus* |
| Żinna | *Cygnus cygnus* |
| Mute Swan | *Cygnus olor* |
| **Wiżż** | |
| Pink-footed Goose | *Anser brachyrhynchus* |
| Bean Goose | *Anser fabalis* |
| Greater White-fronted Goose (Razza Ewropea) | *Anser albifrons albifrons* |
| Lesser White-fronted Goose | *Anser erythropus* |
| Greylag Goose | *Anser anser* |
| Barnacle Goose | *Branta leucopsis* |
| Brent Goose | *Branta bernicla* |
| Red-breasted Goose | *Branta ruficollis* |
| Canada Goose | *Branta canadensis* |
| **Papri** | |
| Silfjun (Eurasian Wigeon) | *Anas penelope* |
| Sarsella komuni | *Anas crecca* |
| Kuluvert | *Anas platyrhynchos* |
| Northern Pintail | *Anas acuta* |
| Garganey | *Anas querquedula* |
| Papra tal-munqar wiesa’ | *Anas clypeata* |
| Marbled Teal | *Marmaronetta angustirostris* |
| Red-crested Pochard | *Netta rufina* |
| Papra komuni | *Aythya ferina* |
| Papra tal-baħar | *Aythya fuligula* |
| **Waders** | |
| Venewwa | *Vanellus vanellus* |
| Eurasian Golden Plover | *Pluvialis apricaria* |
| Black-tailed Godwit | *Limosa limosa* |
| Gerwiel | *Philomachus pugnax* |
| **Gawwi** | |
| Gawwija rasha sewda | *Larus ridibundus* |
| Gawwija komuni | *Larus canus* |

(*) Din il-lista mhix limitattiva imma hija intenzjonata biss biex tidentifika speċi migratorji li jistgħu jkunu ta’ riskju għoli għall-introduzzjoni ta’ l-influwenza tat-tjur fil-Komunità minħabba li r-rotta migratorja tagħhom tinvolvi żoni fejn l-H5N1 HPAI tkun diġà nstabet jew fl-għasafar slavaġ jew fit-tjur domestiċi. Din hija bbażata fuq l-opinjoni Xjentifika dwar ‘Għasafar migratorji u r-rwol possibbli tagħhom fil-firxa ta’ l-influwenza tat-tjur b’patoġenità għolja’ adottata mill-Kumitat Xjentifiku dwar is-Saħħa ta’ l-Annimali u l-Benessri ta’ l-Annimali ta’ l-EFSA fit-12 ta’ Mejju 2006 u x-xogħol li sar mill-Kumitat ORNIS u l-kuntratturi tad-Direttorat Ġenerali ta’ l-Ambjent tal-Kummissjoni Ewropea. Madankollu din il-lista tista’ tiġi aġġornata wara r-riżultati ta’ aktar studji xjentifiċi hekk kif isiru disponibbli u bbażati fuq valutazzjoni tar-riskju mwettaq mill-awtoritajiet nazzjonali li jiehdu kont tas-sitwazzjoni ornitoloġika tagħhom.

E. **Lista ta' għasafar li jgħixu qrib ta' irziezet tat-tjur domestiku** (**)

| Isem komuni | Isem Xjentifiku | Probabbiltà ta' kuntatt mat-tjur domestiċi |
|---|---|---|
| **Grupp 1 Speċi assoċjati mill-qrib mal-produzzjoni tat-tjur domestiku fl-Ewropa** | | |
| Wiżża domestika | *Anser anser domesticus* | Għoli |
| Domestic Mallard | *Anas platyrhynchos* | Għoli |
| Domestic Muscovy Duck | *Cairina moschata* | Għoli |
| Feral Pigeon | *Columba livia* | Għoli |
| House Sparrow | *Passer domesticus* | Għoli |
| **Grupp 2 Speċi li jistgħu jużaw art komuni li hija użata minn tjur domestikati fl-irziezet fit-tramuntana ta' l-Ewropa** | | |
| Eurasian Golden Plover | *Pluvialis apricaria* | Baxx |
| Venewwa | *Vanellus vanellus* | Medju |
| Gawwija rasha sewda | *Larus ridibundus* | Għoli |
| Gawwija komuni | *Larus canus* | Għoli |
| Herring Gull | *Larus argentatus* | Baxx |
| Wood Pigeon | *Columba palumbus* | Għoli |
| Eurasian Collared Dove | *Streptopelia decaocto* | Għoli |
| Ring-necked Pheasant | *Phasianus colchicus* | Għoli |
| Larks species | *Alauda & Galerida spp* | Baxx |
| Pipits | | Baxx |
| Wagtails | | Medju |
| Fieldfare | *Turdus pilaris* | Medju |
| Redwing | *Turdus iliacus* | Medju |
| Black-billed Magpie | *Pica pica* | Għoli |
| Eurasian Jackdaw | *Corvus monedula* | Għoli |
| Rook | *Corvus frugilegus* | Medju |
| Carrion Crow | *Corvus corone* | Medju |
| Raven | *Corvus corax* | Baxx |
| Starling | *Sturnus vulgaris* | Għoli |
| Spotless Starling | *Sturnus unicolor* | Għoli |
| House Sparrow | *Passer domesticus* | Għoli |
| Eurasian Tree Sparrow | *Passer montanus* | Għoli |
| Finches | | Medju |
| Buntings | *Miliaria, Emberiza spp* | Medju |

| Isem komuni | Isem Xjentifiku | Probabbiltà ta' kuntatt mat-tjur domestiċi |
|---|---|---|
| **Grupp 3 Speċi li jistgħu jużaw art madwar ix-xmajjar li hija użata minn tjur ta' l-ilma domestikati fit-tramuntana ta' l-Ewropa** | | |
| Egrets | *Egretta* spp. | Baxx |
| Herons | *Ardea* and other spp. | Medju |
| Cormorant | *Phalacrocorax carbo* | Medju |
| Storks | *Ciconia* spp. | Baxx |
| Mute Swan | *Cygnus olor* | Medju |
| Greylag Goose | *Anser anser* | Medju |
| Canada Goose | *Branta canadensis* | Baxx |
| Papri | *Anas & Aythya* spp. | Baxx |
| Kuluvert | *Anas platyrhynchos* | Għoli |
| Common Coot | *Fulica atra* | Medju |
| Moorhen | *Gallinula chloropus* | Medju |

(**) Din il-lista mhix eżawrjenti imma hija intenzjonata biss biex tidentifika speċi ta' għasafar Ewropej mhux migratorji li jgħixu qrib ta' tajr domestiku (speċjalment fil-majjistral ta' l-Ewropa) u li għandhom potenzjal teoretiku li jittrasferixxu l-HPAI H5N1 minn għasafar slavaġ infettati potenzjalment b'mod assimptomatiku. Din hija bbażata fuq l-opinjoni Xjentifika dwar 'Għasafar migratorji u r-rwol possibbli tagħhom fil-firxa ta' l-influwenza tat-tjur b'patoġenità għolja' adottata mill-Kumitat Xjentifiku dwar is-Saħħa ta' l-Annimali u l-Benessri ta' l-Annimali ta' l-EFSA fit-12 ta' Mejju 2006 u x-xogħol li sar mill-Kumitat ORNIS u l-kuntratturi tad-Direttorat Ġenerali ta' l-Ambjent tal-Kummissjoni Ewropea (DĠ ENV). Madankollu, il-lista tista' tiġi aġġornata u miżjuda wara riżultati ta' aktar studji xjentifiċi meta dawn isiru disponibbli. B'mod partikolari, id-DĠ ENV ikkummissjona lill-Wetland International u lill-EURING biex jirrevedu, jaġġornaw u jespandu l-analiżi preliminarja tagħhom għal speċi u siti b'riskju għoli fid-dawl tat-tifqigħ fl-Ewropa fl-2006, u biex jidentifikaw speċi ta' għasafar oħra b'Riskju Għoli li jistgħu jaġixxu bħala 'bridge speċies' bejn għasafar slavaġ u tjur u/jew bnedmin f'partijiet differenti ta' l-Ewropa. Ir-riżultati għandhom ikunu disponibbli sa l-aħħar ta' Ġunju 2007.
(http://ec.europa.eu/environment/nature/nature_conservation/focus_wild_birds/avian_influenza/pdf/avian_influenza_report.pdf).
Għandha tipprovdi lista preliminarja li tista' toqgħod fuqha ta' speċi b'riskju għoli u riskju ta' kuntatt mat-tjur fi ħdan l-UE u tipprovdi għal metodu aktar immirat.

*ANNESS III*

*"ANNESS IV*

**Kundizzjonijiet standard għas-sottomissjoni ta' programmi ta' sorveljanza għall-influwenza tat-tjur ko-finanzjati mill-Komunità**

1. **Identifikazzjoni tal-programm**

Stat Membru:

Marda:

Sena ta' l-implimentazzjoni:

Referenza ta' dan id-dokument:

Kuntatt (isem, telefown, fax, e-mail):

Data meta mibgħuta lill-Kummissjoni:

2. **Deskrizzjoni tal-programm ta' sorveljanza fit-tjur**

2.1 *Għanijiet, kundizzjonijiet ġenerali u kriterji*

2.2 *Diżinn u implimentazzjoni*

*Tableau 2.2.1*

**Impriżi tat-tjur ([a]) (ħlief papri u wiżż) li jrid jitteħdilhom kampjun**

**Investigazzjoni seroloġika skond il-linji ta' gwida punt B għal Anness I għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/268/KE fuq impriżi ta' brojlers (meta jkunu fir-riskju)/tad-dundjani għat-tismin/tat-trobbija ta' tiġieġ/tat-trobbija tad-dundjani/tat-tiġieġ li jbidu/ta' l-għasafar li ma jtirux (ratiti)/tat-tajr tal-kaċċa bir-rix li jitrabbew fil-farms (faġani, perniċi, summien …)/qatgħat privati/oħrajn [*ħassar kif xieraq*]**

*JEKK JOGĦĠBOK UŻA FORMOLA WAĦDA GĦAL KULL KATEGORIJA TA' TJUR TA' L-IRZIEZET*

| Kodiċi NUTS (2) ([b]) | Numru totali ta' impriżi ([c]) | Numru ta' impriżi minn fejn għandu jsir ġbir ta' kampjuni | In-numru ta' kampjuni għal kull impriża | Numru totali ta' testijiet li jridu jitwettqu b'dan il-metodu | Metodi ta' analiżi fil-laboratorju |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| Total | | | | | |

([a]) Impriżi tfisser merħliet, qatgħat jew stabbilimenti, skond il-każ.
([b]) Tirreferi għall-post ta' l-oriġini ta' l-impriża. F'każ ta' kodiċi Nuts 2 ma jistax jiġi użat, il-koordinati huma mitluba (long/lat).
([c]) Numru totali ta' impriżi ta' kategorija waħda ta' tjur ta' l-irziezet f'reġjun NUT2 konċernat.

*Tabella 2.2.2*

**Impriżi tal-papri u l-wiżż li jrid jitteħdilhom kampjun ([a]) skond punt C ta' l-Anness I għad-Deċiżjoni 2007/268/KE**

**Investigazzjoni seroloġika**

| Kodiċi NUTS (2) ([b]) | Numru totali ta' impriżi ta' papri u wiżż | Numru totali ta' impriżi ta' papri u wiżż li minnhom ittieħdu l-kampjuni | In-numru ta' kampjuni għal kull impriża | Numru totali ta' testijiet li jridu jitwettqu b'dan il-metodu | Metodi ta' analiżi fil-laboratorju |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| Total | | | | | |

([a]) Impriżi tfisser merħliet, qatgħat jew stabbilimenti skond il-każ.
([b]) Tirreferi għall-post ta' l-oriġini ta' l-impriża. F'każ ta' kodiċi Nuts 2 ma jistax jiġi użat, il-koordinati huma mitluba (long/lat)

2.3 *Ittestjar fil-laboratorju: deskrizzjoni tat-testijiet tal-laboratorju użati*

3. **Deskrizzjoni tal-programm ta' sorveljanza fit-tjur slavaġ:**

3.1 *Għanijiet, kundizzjonijiet ġenerali u kriterji*

3.2 *Diżinn u implimentazzjoni*

*Tabella 3.2.1*

**Għasafar slavaġ investigazzjoni skond il-programm ta' sorveljanza għall-influwenza tat-tjur fl-għasafar slavaġ stabbilita fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2007/268/KE**

| Kodiċi NUTS (2) ([a]) | Għasafar slavaġ li jrid jitteħdilhom kampjun ([b]) | Numru totali ta' kampjuni li jridu jittieħdu għal sorveljanza attiva | Numru totali ta' kampjuni li jridu jittieħdu għal sorveljanza passiva |
|---|---|---|---|
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| Total | | | |

([a]) Tirreferi għall-post tal-ġbir ta' għasafar/kampjuni. F'każ ta' kodiċi Nuts 2 ma jistax jiġi użat, il-koordinati huma mitluba (long/lat).
([b]) Deskrizzjonijiet ġenerali ta' l-għasafar slavaġ huma intenzjonati li jitteħdilhom kampjun fil-qafas tas-sorveljanza attiva u passiva.

3.3 *Ittestjar fil-laboratorju: deskrizzjoni tat-testijiet tal-laboratorju użati*

4. **Deskrizzjoni tas-sitwazzjoni epidemoloġika tal-marda fit-tjur matul l-aħħar ħames snin**

4.1 *Miżuri inklużi fil-programm għas-sorveljanza tat-tjur*

4.1.1 Deżinjazzjoni ta' l-awtorità ċentrali inkarigata mis-superviżjoni u l-koordinament tad-dipartimenti responsabbli mill-implimentazzjoni tal-programm:

4.1.2 Is-sistema attwali għar-reġistrazzjoni ta' l-impriżi

4.1.3 Data dwar il-tilqim

5. **Deskrizzjoni tas-sitwazzjoni epidemoloġika tal-marda fit-tjur matul l-aħħar ħames snin**

5.1 *Miżuri inklużi fil-programm għas-sorveljanza tat-tjur slavaġ*

5.1.1 Deżinjazzjoni ta' l-awtorità ċentrali inkarigata mis-superviżjoni u l-koordinament tad-dipartimenti responsabbli mill-implimentazzjoni tal-programm:

5.1.2 Deskrizzjoni u delimitazzjoni taż-żoni ġeografiċi u amministrattivi li fihom għandu jiġi applikat il-programm

5.1.3 Estimi tal-popolazzjoni tat-tjur slavaġ lokali u/jew migratorji

6. **Miżuri attwali fir-rigward tan-notifika tal-marda**

7. **Spejjeż**

7.1 *Analiżi dettaljata ta' l-ispejjeż:*

7.1.1 Tajr

7.1.2 Għasafar slavaġ

7.2 *Sommarju ta' l-ispejjeż:*

7.2.1 Sorveljanza tat-tjur

| Miżuri eliġibbli għas-sorveljanza ta' kofinanzjar fit-tjur | | | |
|---|---|---|---|
| Metodi ta' analiżi fil-laboratorju | Numru ta' testijiet li jridu jitwettqu għal kull metodu | Spiża tat-test urinarju (għal kull metodu) | Nefqa totali |
| Pre-skrinjar seroloġiku ([a]) | | | |
| Test Haemagglutination-inhibition-(HI) għal H5/H7 ([b]) | | | |
| Test ta' iżolazzjoni virali | | | |
| Test PCR | | | |
| Miżuri oħrajn li għandhom jiġu koperti | Speċifika l-attivitajiet | | |
| It-Teħid tal-kampjuni | | | |
| 5. Oħrajn | | | |
| Total | | | |

([a]) Speċifika it-test tal-laboratorju li jrid jintuża.
([b]) Speċifika n-numru ta' testijiet għall-H5 u għall-H7.

7.2.2 Sorveljanza ta' l-għasafar slavaġ

| Miżuri eliġibbli għas-sorveljanza ta' kofinanzjar fit-tjur slavaġ | | | |
|---|---|---|---|
| Metodi ta' analiżi fil-laboratorju | Numru ta' testijiet li jridu jitwettqu għal kull metodu | Spiża tat-test urinarju (għal kull metodu) | Nefqa totali |
| Pre-skrinjar seroloġiku | | | |
| Test Haemagglutination-inhibition-(HI) għal H5/H7 | | | |
| Test ta' iżolazzjoni virali | | | |
| Test PCR | | | |
| Miżuri oħrajn li għandhom jiġu koperti | Speċifika l-attivitajiet | | |
| It-teħid tal-kampjuni | | | |
| Oħrajn | | | |
| Total | | | ” |

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-23 ta' April 2007

## dwar miżuri protettivi fir-rigward anemija infettiva taż-żwiemel fir-Rumanija

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 1652)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2007/269/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar il-kontrolli veterinarji u żootekniċi applikabbli għall-kummerċ intrakomunitarju ta' ċerti annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(4) tagħha,

Billi:

(1) L-Anemija infettiva taż-żwiemel ("EIA") hija marda virili li taffettwa biss lill-annimali tal-familja *Equidae*. L-infezzjoni bil-EIA għandha tendenza li ma tidhirx jekk ma jkunx hemm mewt minn wieħed mill-attakki kliniċi akuti. Il-perjodu ta' inkubazzjoni hu normalment minn ġimgħa sa tlieta, iżda tista' tkun twila sa tliet xhur. *Equidae* infettati jibqgħu infettati għal dejjem u jistgħu potenzjalment jittrażmettu l-infezzjoni lil *equidae* oħrajn. It-trażmissjoni sseħħ bi trasferiment ta' demm minn annimal ekwini infettat probabbilment permezz ta' tmigħ interrott ta' dubbien taż-żiemel li jerda' d-demm, *in utero* għal fetu jew bl-użu ta' siringi kontaminati jew infużjoni ta' prodotti ta' demm li fihom il-virus.

(2) L-EIA hija marda li għandha tkun notifikata skond l-Anness A tad-Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni ta' *equidae* minn pajjiżi terzi ([2]). Barra minn hekk, id-Direttiva tal-Kunsill 82/894/KEE tal-21 ta' Diċembru 1982 dwar in-notifika ta' mard ta' l-annimali fil-Komunità ([3]) tistipula li firxiet ta' EIA għandhom ikunu notifikati lill-Kummissjoni u Stati Membri oħra permezz tas-Sistema ta' Notifika ta' Mard ta' l-Annimali ("ADNS").

(3) L-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 90/426/KEE jistipula restrizzjonijiet li jikkonċernaw il-moviment ta' *equidae* minn impriżi fejn il-preżenza ta' EIA kienet konfermata sakemm, wara l-qtil ta' l-annimali infettati, il-bqija ta' l-annimali jgħaddu żewġ testijiet tal-Coggins b'riżultati negattivi.

(4) Kuntrarjament għal Stati membri oħrajn, EIA hija endemika fir-Rumanija u l-qtil immedjat ta' *equidae* infettati mhux implimentat b'mod konsistenti. Għal din ir-raġuni, wara l-adeżjoni fl-Unjoni Ewropea r-Rumanija kompliet timplimenta *mutatis mutandis* il-miżuri relevanti provduti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/825/KE tad-29 ta' Novembru 2004 dwar il-miżuri ta' protezzjoni fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' *equidae* mir-Rumanija ([4]).

(5) Meta wieħed iqis il-kummerċ ta' *equidae* ħajjin, semen, ova u embrijoni, is-sitwazzjoni tal-marda fir-Rumanija tista' tippreżenta riskju għas-saħħa ta' l-annimali ta' l-*equidae* fil-Komunità.

(6) Għalhekk huwa xieraq li jkunu adottati miżuri protettivi li jistabbilixxu reġim speċifiku għall-moviment u l-kummerċ ta' *equidae* u ova u embrijoni ekwini li ġejjin mir-Rumanija sabiex ikunu salvagwardjati s-saħħa u l-benesseri ta' l-*equidae* fl-Istati Membri.

(7) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/623/KEE ta' l-20 t'Ottubru 1993 li tistabbilixxi d-dokument ta' identifikazzjoni (passaport) li jakkumpanja l-*equidae* ([5]) reġistrati u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/68/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 li temenda d-Deċiżjoni 93/623/KEE u tistabbilixxi l-identifikazzjoni ta' l-*equidae* għat-tnissil u l-produzzjoni ([6]) jeħtieġu lill-*equidae* jkunu akkumpanjati matul il-movimenti u t-trasport b'dokument ta' identifikazzjoni.

(8) Il-ħtiġijiet ta' ċertifikazzjoni għall-moviment u t-trasport ta' *equidae* huma stabbiliti fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 90/426/KEE. Sabiex titjieb it-traċċabilità ta' l-*equidae* reġistrata miż-żoni affettwati mill-EIA għal Stati Membri oħra, l-attestazzjoni skond l-Anness B tad-Direttiva 90/426/KEE għandha tinbidel b'ċertifikat dwar is-saħħa ta' l-annimali skond l-Anness Ċ ta' dik id-Direttiva.

([1]) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2002/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 315, 19.11.2002, p. 14).

([2]) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 42. Direttiva 2006/104/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 352).

([3]) ĠU L 378, 31.12.1982, p. 58. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/216/KE (ĠU L 67, 5.3.2004, p. 27).

([4]) ĠU L 358, 3.12.2004, p. 18. Deċiżjoni tħassret bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1792/2006 (ĠU L 362, 20.12.2006, p. 1).

([5]) ĠU L 298, 3.12.1993, p. 45. Deċiżjoni emendata bid-Deċiżjoni 2000/68/KE (ĠU L 23, 28.1.2000, p. 72).

([6]) ĠU L 23, 28.1.2000, p. 72.

(9) Skond il-Parti A tal-Kapitolu II ta' l-Anness D tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 li tistabbilixxi l-ħtiġijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, semen, ova u embrijoni mhux suġġetti għall-ħtiġijiet tas-saħħa ta' l-annimali stabbiliti fir-regoli speċifiċi tal-Komunità msemmija fl-Anness A (I) tad-Direttiva 90/425/KEE [1], id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/307/KE ta' l-24 ta' Lulju 1995 li tiddetermina ċ-ċertifikat kampjun tas-saħħa ta' l-annimali għall-kummerċ tas-semen ta' l-ispeċi [2] ekwini, tipprovdi għall-ittestjar taż-żwiemel tar-razza għall-EIA jekk is-semen tinġabar għall-kummerċ intra-Komunitarju. Madankollu, hemm bżonn li jkunu kkumplimentati l-kondizzjonijiet dwar is-saħħa ta' l-annimali stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/294/KE ta' l-24 ta' Lulju 1995 li tiddetermina l-kampjun taċ-ċertifikat dwar is-saħħa ta' l-annimali għall-kummerċ ta' l-ova u l-embrijoni ta' l-ispeċi [3] ekwini bi ħtieġa ta' test għall-EIA, jekk l-ova u l-embrijoni jinġabru minn debeb residenti fir-Rumanija.

(10) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Miżuri protettivi li japplikaw għall-equidae li ġejjin mir-Rumanija**

1. Ir-Rumanija għandha tiżgura li l-*equidae* ma jintbagħtux fi Stati Membri oħra sakemm dawk l-*equidae* ma josservawx il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) Li kienu suġġetti għal test ta' Coggins, b'riżultat negattiv, imwettaq fuq kampjun tad-demm meħud fit-30 jum qabel it-tluq, u li dak it-test u r-riżultat tiegħu jiddaħħlu fit-Taqsima VII tad-dokument ta' identifikazzjoni provdut fid-Deċiżjonijiet 93/623/KEE u 2000/68/KE u li jakkumpanjaw lill-annimal matul iċ-ċaqliq tiegħu;

(b) Ikunu akkumpanjati minn ċertifikat dwar is-saħħa ta' l-annimali skond l-Anness Ċ tad-Direttiva 90/426/KEE, li għandha jkollha dan il-kliem addizzjonali:

"*Equidae* skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/269/KE".

2. Paragrafu 1 m'għandux japplika għal *equidae* minn impriżi li qegħdin barra r-Rumanija li jittraġittu r-Rumanija fuq rotot jew awtostradi ewlenin jew huma trasportati matul ir-Rumanija direttament u mingħajr interruzzjoni tal-vjaġġ għal biċċerija għall-qatla immedjata.

3. Ir-Rumanija għandha tiżgura li l-ova u l-embrijoni ma jintbagħtux fi Stati Membri oħra sakemm dawk il-prodotti ma josservawx il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) Inġabru minn debeb donaturi li kienu suġġetti għal test tal-Coggins, b'riżultat negattiv f'kull każ, imwettaq fuq kampjun tad-demm meħud minn kull debba donatriċi fit-30 jum qabel il-ġbir ta' l-ova jew l-embrijoni fil-konsinna; kif ukoll

(b) Il-konsinna ta' l-ova jew l-embrijoni hi akkumpanjata minn ċertifikat dwar is-saħħa ta' l-annimali skond l-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/294/KE li għandha jkollha l-kliem addizzjonali:

"Ova jew embrijoni skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/269/KE".

4. Ir-Rumanija għandha tirraporta b'mod regolari lill-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra dwar l-evoluzzjoni ta' l-EIA u l-miżuri implimentati għall-kontroll tagħha.

*Artikolu 2*

**Applikabbiltà**

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 3*

**Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 23 ta' April 2007.

*Għall-Kummissjoni*
Markos KYPRIANOU
*Membru tal-Kummissjoni*

[1] ĠU L 268, 14.9.1992, p. 54. Direttiva emendata l-aħħar bid-Direttiva 2004/68/KE (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 321).
[2] ĠU L 185, 4.8.1995, p. 58.
[3] ĠU L 182, 2.8.1995, p. 27.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-23 ta' April 2007

## dwar il-kontribut finanzjarju mill-Komunità għal miżuri ta' emerġenza għall-ġlieda kontra l-influwenza tat-tjur fl-Olanda fl-2006

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 1746)*

**(It-test bl-Olandiż biss huwa awtentiku)**

(2007/270/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-qasam veterinarju ([1]), u partikolarment l-Artikoli 3(3) u 3a(1) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 90/424/KEE tistipula l-proċeduri li jamministraw il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għal miżuri veterinarji speċifiċi, inklużi miżuri ta' emerġenza. Id-Deċiżjoni 90/424/KEE, kif emendata mid-Deċiżjoni 2006/53/KE ([2]), tistipula kontribut finanzjarju Komunitarju lill-Istati Membri biex ikopri ċerti spejjeż marbuta mat-teħid ta' miżuri għall-qerda ta' l-influwenza tat-tjur.

(2) Seħħew tifqigħat ta' l-influwenza tat-tjur fl-Olanda fl-2006. Il-feġġ ta' din il-marda jirrappreżenta riskju serju għall-popolazzjoni tal-bhejjem tal-Komunità. Skond l-Artikolu 3a(2) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE, l-Olanda ħadet miżuri biex tiġġieled dawn it-tifqigħat.

(3) Il-ħlas ta' kontribut finanzjarju mill-Komunità għandu jkun suġġett għall-kundizzjoni li l-miżuri ppjanati jkunu fil-fatt twettqu u li l-awtoritajiet kompetenti jkunu pprovdew l-informazzjoni kollha meħtieġa lill-Kummissjoni qabel ċerti skadenzi.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 349/2005 tat-28 ta' Frar 2005 li jistabbilixxi r-regoli rigward il-finanzjament Komunitarju għall-interventi urġenti u l-ġlieda kontra ċertu mard ta' l-annimali kif imsemmi fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE ([3]), wara l-emenda tad-Deċiżjoni 90/424/KEE mid-Deċiżjoni 2006/53/KE, ma għadux ikopri l-influwenza tat-tjur. Għalhekk hemm bżonn li jiġi espressament stipulat f'din id-Deċiżjoni li l-għoti ta' kontribut finanzjarju lill-Olanda huwa suġġett għall-konformità ma' ċerti regoli stipulati fir-Regolament (KE) Nru 349/2005.

(5) L-Artikolu 3a(3) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE jistipula li l-kontribut finanzjarju tal-Komunità għandu jkun ta' 50 % ta' l-ispejjeż eliġibbli mġarrba mill-Istat Membru.

(6) L-Olanda kkonformat fis-sħiħ ma' l-obligazzjonijiet tekniċi u amministrattivi tagħha kif stabbilit fl-Artikolu 3(3) u 3a(2) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE. L-Olanda għaddiet tagħrif lill-Kummissjoni dwar l-ispejjeż imġarrba fil-qafas ta' din it-tifqigħa fit-30 ta' Awwissu 2006 u minn dak in-nhar kompliet tipprovdi t-tagħrif kollu meħtieġ dwar l-ispejjeż ta' kumpens u l-infiq operattiv.

(7) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Il-Kontribut finanzjarju mill-Komunità**

1. Jista' jingħata kontribut finanzjarju mill-Komunità lill-Olanda għall-ispejjeż imġarrba minn dak l-Istat Membru fit-teħid tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 3a(2) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE għall-ġlieda kontra l-influwenza tat-tjur fl-2006.

Il-kontribut finanzjarju għandu jkun ta' 50 % ta' l-ispejjeż imġarrba li jkunu eliġibbli għall-finanzjament mill-Komunità.

2. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, l-Artikoli 2 sa 5 u l-Artikoli 7 u 8 u l-Artikolu 9(2), (3) u (4) u l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 349/2005 għandhom japplikaw *mutatis muntandis.*

([1]) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).
([2]) ĠU L 29, 2.2.2006, p. 37.
([3]) ĠU L 55, 1.3.2005, p. 12.

*Artikolu 2*

**Destinatarju**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju ta' l-Olanda.

Magħmul fi Brussell, 23 ta' April 2007.

*Għall-Kummissjoni*
Markos KYPRIANOU
*Membru tal-Kummissjoni*

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-23 ta' April 2007

## rigward il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għall-Konferenza ta' l-OIE fl-2007 bit-tema "Lejn l-eliminazzjoni ta" l-idrofobija fl-Ewroasja

(2007/271/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 20 tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 90/424/KEE tistipula l-proċeduri li jirregolaw il-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Komunità għal miżuri veterinarji speċifiċi, inklużi miżuri tekniċi u xjentifiċi. B'mod partikolari, il-Komunità għandha twettaq jew tgħin lill-Istati Membri jew organizzazzjonijiet internazzjonali biex iwettqu l-miżuri tekniċi u xjentifiċi meħtieġa għall-iżvilupp tal-leġiżlazzjoni veterinarja Komunitarja u għall-iżvilupp ta' l-edukazzjoni jew it-taħriġ veterinarju.

(2) Billi l-Office International des Epizooties (OIE) ħa l-inizjattiva li jorganizza konferenza fuq skala kbira bit-tema Lejn l-eliminazzjoni ta' l-idrofobija fl-Ewroasja, li għandha ssir f'Mejju 2007 f'Pariġi ("il-konferenza ta' l-OIE"). Minħabba li l-għan tal-Konferenza ta' l-OIE huwa biex ikunu elaborati aktar ir-rakkomandazzjonijiet tal-konferenza li saret mill-OIE fi Kjev fl-2005, l-OIE għandu filfatt monopolju kif hemm imniżżel fl-Artikolu 168(c) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) 1605/2002 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-komunitajiet Ewropej [2], u allura mhix meħtieġa sejħa għal proposti.

(3) L-idrofobija kienet ilha għal bosta snin fl-annimali selvaġġi f'diversi Stati Membri sservi ta' riserva għal infezzjonijiet f'annimali oħra u għalhekk tirrappreżenta riskju serju għas-saħħa tal-bniedem. Dawk l-Istati Membri implimentaw programmi ta' eradikazzjoni u tilqim orali fost l-annimali selvaġġi. Bħala riżultat ta' dawk il-miżuri, il-marda ġiet eradikata f'ċerti Stati Membri imma għadha teżisti f'oħrajn fejn il-programmi ta' eradikazzjoni nbdew dan l-aħħar.

(4) Dawk il-programmi jeħtieġ li jibqgħu sakemm ikun hemm eradikazzjoni kompluta ta' l-idrofobija. Barra minn hekk, il-programmi jeħtieġ li jibqgħu f'dawk l-Istati Membri li għandhom fruntiera ma' pajjiżi terzi fejn l-idrofobija għadha teżisti fost l-annimali selvaġġi.

(5) Fl-interess ta' saħħet l-annimali, għandha tkun inkoraġġita kull azzjoni li tista' tiffaċilita deċiżjonijiet politiċi favur il-kontroll ta' l-idrofobija u l-eradikazzjoni f'pajjiżi fl-Ewropa tal-Lvant u l-Asja Ċentrali.

(6) Il-konferenza ta' l-OIE taf twassal għal titjib fil-leġiżlazzjoni veternarja li hi fis-seħħ u għal żvilupp fl-edukazzjoni u t-taħriġ fil-mediċina veterinarja tal-pajjiżi parteċipanti.

(7) Jixraq għalhekk li ssir kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għall-konferenza ta' l-OIE. Għandhom ikunu speċifikati l-ammont massimu u r-rata ta' kontribuzzjoni bħal din. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għandha tittieħed mil-linja tal-baġit 17 04 02 01.

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

[1] ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).
[2] ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1248/2006 (ĠU L 227, 19.8.2006, p. 3).

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu Waħdieni*

Kif previst fl-Artikolu 19 tad-Deċiżjoni 90/424/KEE, kontribuzzjoni finanzjarja b'rata massima ta' 25 % ta' l-ispejjeż eliġibbli sa l-ammont massimu ta' EUR 50 000, tingħata lill-*Office International des Epizooties* (OIE) għall-materjal tekniku u speċifiku relatat mal-konferenza: "Lejn l-eliminazzjoni ta" l-Idrofobija fl-Ewroasja', li se ssir f'Pariġi f'Mejju 2007.

Magħmul fi Brussell, 23 ta' April 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Markos KYPRIANOU

*Membru tal-Kummissjoni*

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-25 ta' April 2007

## dwar kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għal miżuri ta' emerġenza fil-ġlieda kontra l-influwenza tat-tjur fir-Renju Unit fl-2006

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 1785)*

**(It-test Ingliż biss huwa awtentiku)**

(2007/272/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju ([1]), u partikolarment l-Artikoli 3(3) u 3a(1) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 90/424/KEE tistipula l-proċeduri li jirregolaw il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għal miżuri veterinarji speċifiċi, inklużi miżuri ta' emerġenza. Id-Deċiżjoni 90/424/KEE, kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/53/KE ([2]), tipprovdi għal kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għall-Istati Membri biex tkopri ċerti spejjeż involuti fit-teħid ta' miżuri biex tinqered l-influwenza tat-tjur.

(2) Seħħew tifqigħat ta' l-influwenza tat-tjur fir-Renju Unit fl-2006. Li tfaċċat din il-marda jirrappreżenta riskju serju għall-popolazzjoni tal-bhejjem tal-Komunità. Skond l-Artikolu 3a(2) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE, ir-Renju Unit ħa miżuri biex jikkumbatti dawn it-tifqigħat.

(3) Il-ħlas ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandu jsir soġġett għall-kondizzjoni li l-miżuri ppjanati fil-fatt twettqu u li l-awtoritajiet kompetenti pprovdew t-tagħrif kollu meħtieġ lill-Kummissjoni f'ċerti limiti taż-żmien.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 349/2005 tat-28 ta' Frar 2005 li jistabilixxi r-regoli rigward il-finanzjament Komunitarju għall-interventi urġenti u l-ġlieda kontra ċertu mard ta' l-annimali kif imsemmi fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE ([3]), wara l-emenda tad-Deċiżjoni 90/424/KEE bid-Deċiżjoni 2006/53/KE, ma jkoprix aktar l-influwenza tat-tjur. Għalhekk jeħtieġ li jiġi espressament ipprovdut fid-Deċiżjoni preżenti li l-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja lir-Renju Unit jkun suġġett għal konformità ma' ċerti regoli stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 349/2005.

(5) L-Artikolu 3a(3) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE jipprovdi li l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għandha tkun 50 % ta' l-ispejjeż eliġibbli mġarrba mill-Istat Membru.

(6) Ir-Renju Unit kien konformi fis-sħiħ ma' l-obbligi tekniċi u amministrattivi tiegħu kif stabbilit fl-Artikoli 3(3) u 3a(2) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE. Ir-Renju Unit ressaq it-tagħrif lill-Kummissjoni dwar l-ispejjeż imġarrba fi ħdan il-qafas ta' din it-tifqigħa fit-2 ta' Ġunju 2006 u minn dakinhar issokta jipprovdi t-tagħrif kollu meħtieġ dwar spejjeż ta' kumpens u l-ispiża ta' l-operazzjonijiet.

(7) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Il-Kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità**

1. Kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità tista' tingħata lir-Renju Unit għall-ispejjeż imġarrba minn dan l-Istat Membru fit-teħid tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 3a(2) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE fil-ġlieda kontra l-influwenza tat-tjur fl-2006.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja għandha tkun ta' 50 % ta' l-ispejjeż imġarrba li huma eliġibbli għall-fondi tal-Komunità.

2. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, l-Artikoli 2 sa 5 u l-Artikoli 7 u 8 u l-Artikolu 9(2), (3) u (4) u l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 349/2005 għandhom japplikaw bit-tibdil meħtieġ.

([1]) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).
([2]) ĠU L 29, 2.2.2006, p. 37.
([3]) ĠU L 55, 1.3.2005, p. 12.

*Artikolu 2*

**Destinatarju**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

Magħmul fi Brussell, 25 ta' April 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Markos KYPRIANOU

*Membru tal-Kummissjoni*

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-25 ta' April 2007

## dwar kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għal miżuri ta' emerġenza fil-ġlieda kontra l-influwenza tat-tjur fil-Ġermanja fl-2006

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 1786)*

**(It-test bil-Ġermaniż biss hu awtentiku)**

(2007/273/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju [1], u partikolarment l-Artikoli 3(3) u 3a(1) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 90/424/KEE tistipula l-proċeduri li jirregolaw il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għal miżuri veterinarji speċifiċi, inklużi miżuri ta' emerġenza. Id-Deċiżjoni 90/424/KEE, kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/53/KE [2], tipprovdi għal kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għall-Istati Membri biex tkopri ċerti spejjeż involuti fit-teħid ta' miżuri biex tinqered l-influwenza tat-tjur.

(2) Seħħew tifqigħat ta' l-influwenza tat-tjur fil-Ġermanja fl-2006. Li tfaċċat din il-marda jirrappreżenta riskju serju għall-popolazzjoni tal-bhejjem tal-Komunità. Skond l-Artikolu 3a(2) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE, il-Ġermanja ħadet miżuri biex tikkumbatti dawn it-tifqigħat.

(3) Il-ħlas ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandu jsir soġġett għall-kondizzjoni li l-miżuri ppjanati fil-fatt twettqu u li l-awtoritajiet kompetenti pprovdew t-tagħrif kollu meħtieġ lill-Kummissjoni f'ċerti limiti taż-żmien imfassla.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 349/2005 tat-28 ta' Frar 2005 li jistabilixxi r-regoli rigward il-finanzjament Komunitarju għall-interventi urġenti u l-ġlieda kontra ċertu mard ta' l-annimali kif imsemmi fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE [3], wara l-emenda tad-Deċiżjoni 90/424/KEE bid-Deċiżjoni 2006/53/KE, ma jkoprix aktar l-influwenza tat-tjur. Għalhekk jeħtieġ li jiġi espressament ipprovdut fid-Deċiżjoni preżenti li l-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja lill-Ġermanja jkun suġġett għal konformità ma' ċerti regoli stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 349/2005.

(5) L-Artikolu 3a(3) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE jipprovdi li l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għandha tkun 50 % ta' l-ispejjeż eliġibbli mġarrba mill-Istat Membru.

(6) Il-Ġermanja kienet konformi fis-sħiħ ma' l-obbligi tekniċi u amministrattivi tagħha kif stabbilit fl-Artikoli 3(3) u 3a(2) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE. Il-Ġermanja ressqet it-tagħrif lill-Kummissjoni dwar l-ispejjeż imġarrba fi ħdan il-qafas ta' din it-tifqigħa fl-14 ta' Marzu 2006 u minn dakinhar issuktat tipprovdi t-tagħrif kollu meħtieġ dwar spejjeż ta' kumpens u l-ispiża ta' l-operazzjonijiet.

(7) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Il-Kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità**

1. Kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità tista' tingħata lill-Ġermanja għall-ispejjeż imġarrba minn dan l-Istat Membru fit-teħid tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 3a(2) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE fil-ġlieda kontra l-influwenza tat-tjur fl-2006.

[1] ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).
[2] ĠU L 29, 2.2.2006, p. 37.
[3] ĠU L 55, 1.3.2005, p. 12.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja għandha tkun ta' 50 % ta' l-ispejjeż imġarrba li huma eliġibbli għall-fondi tal-Komunità.

2. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, l-Artikoli 2 sa 5 u l-Artikoli 7 u 8 u l-Artikolu 9(2), (3) u (4) u l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 349/2005 għandhom japplikaw bit-tibdil meħtieġ.

*Artikolu 2*

**Destinatarju**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Magħmul fi Brussell, 25 ta' April 2007.

*Għall-Kummissjoni*
Markos KYPRIANOU
*Membru tal-Kummissjoni*

# FTEHIM

# KUNSILL

**Informazzjoni dwar id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Federati tal-Mikronesja** ([1])

Il-Komunità Ewropea u l-Gvern ta' l-Istati Federati tal-Mikronesja innotifikaw lil xulxin rispettivament fl-20 ta' Settembru 2006 u fis-26 ta' Frar 2007 dwar it-tmiem tal-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim.

Għaldaqstant il-Ftehim daħal fis-seħħ fis-26 ta' Frar 2007, skond l-Artikolu 16 tiegħu.

([1]) ĠU L 151, 6.6.2006, p. 1.

III

*(Atti adottati skond it-Trattat ta' l-UE)*

# ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TA' L-UE

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2007/274/ĠAI

**tat-23 ta' April 2007**

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar is-Sigurtà ta' Informazzjoni Klassifikata**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 24 u 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Presidenza,

Billi:

(1) Fil-laqgħa tiegħu tas-27 u 28 ta' Novembru 2003, u , il-Kunsill iddeċieda li jawtorizza lill-Presidenza, assistita mis-SĠ/RGħ, sabiex tiftaħ in-negozjati skond l-Artikoli 24 u 38 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ma' ċerti stati terzi, sabiex l-Unjoni Ewropea tikkonkludi ma' kull wieħed minnhom Ftehim dwar proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata.

(2) Konsegwentement għal din l-awtorizzazzjoni għall-ftuħ tan-negozjati, il-Presidenza, assistita mis-SĠ/RGħ, innegozjat Ftehim mal-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar is-sigurtà ta' informazzjoni klassifikata.

(3) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar is-sigurtà ta' informazzjoni klassifikata huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni Ewropea.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna moghtija s-setgħa sabiex tiffirma l-Ftehim sabiex torbot lill-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, 23 ta' April 2007.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F.-W. STEINMEIER

TRADUZZJONI

# FTEHIM

## bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar is-Sigurtà ta' Informazzjoni Klassifikata

IL-GVERN ta' L-ISTATI UNITI, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-USG"

U

L-UNJONI EWROPEA, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-UE", minn hawn 'il quddiem imsejħin "il-Partijiet",

Waqt li jikkunsidraw LI l-USG u l-UE jikkondividu l-objettivi għat-tisħiħ tas-sigurtà tagħhom proprja b'kull mod u li jipprovdu liċ-ċittadini tagħhom b'livell għoli ta' sikurezza f'żona ta' sigurtà,

Waqt li jikkunsidraw LI l-USG u l-UE jaqblu li għandhom jiġu żviluppati konsultazzjonijiet u kooperazzjoni bejniethom dwar kwistjonijiet ta' interess komuni relatati mas-sigurtà,

Waqt li jikkunsidraw LI, f'dan il-kuntest, teżisti għalhekk ħtieġa permanenti għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata bejn l-USG u l-UE,

WAQT li JIRRIKONOXXU LI konsultazzjoni u kooperazzjoni sħaħ u effettivi jistgħu jeħtieġu aċċess għal informazzjoni klassifikata ta' l-USG u l-UE, kif ukoll l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata bejn l-USG u l-UE,

KONXJI LI tali aċċess għal u skambju ta' informazzjoni klassifikata jeħtieġu miżuri adegwati ta' sigurtà,

FTIEHMU KIF ĠEJ

*Artikolu 1*

### Kamp ta' Applikazzjoni

1. Dan il-Ftehim għandu japplika għal informazzjoni klassifikata provduta jew skambjata bejn il-Partijiet.

2. Kull Parti għandha tipproteġi l-informazzjoni klassifikata li tirċievi mill-Parti l-oħra, b'mod partikolari kontra żvelar mhux awtorizzat, skond it-termini stabbiliti hawnhekk u skond il-liġijiet u r-regolamenti rispettivi tal-Partijiet.

*Artikolu 2*

### Definizzjonijiet

1. Għall-fini ta' dan il-Ftehim "l-UE" għandha tfisser il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kunsill"), is-Segretarju-Ġenerali/Rappreżentant Għoli u s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (minn hawn 'il quddiem imsejħa: "il-Kummissjoni Ewropea").

2. Għall-fini ta' dan il-Ftehim "informazzjoni klassifikata" għandha tfisser informazzjoni u materjal suġġetti għal dan il-Ftehim (i) li l-iżvelar mhux awtorizzat tagħhom jista' joħloq livelli ta' ħsara li jvarjaw għall-interessi ta' l-USG, jew ta' l-UE jew Stat Membru wieħed tagħha jew aktar minn wieħed; (ii) li jeħtieġu protezzjoni kontra żvelar mhux awtorizzat fl-interessi ta' sigurtà ta' l-USG jew ta' l-UE; u (iii) li għandhom klassifika ta' sigurtà mogħtija mill-USG jew mill-UE. L-informazzjoni tista' tkun f'forma verbali, viżwali, elettronika, manjetika jew dokumentarja, jew fil-forma ta' materjal, inkluż tagħmir jew teknoloġija.

*Artikolu 3*

### Klassifikazzjonijiet ta' sigurtà

1. L-informazzjoni klassifikata għandha tkun immarkata kif ġej:

(a) Għall-USG, l-informazzjoni klassifikata għandha tkun immarkata TOP SECRET, SECRET jew CONFIDENTIAL.

(b) Għall-UE, l-informazzjoni klassifikata għandha tkun immarkata TRÈS SECRET UE/EU TOP SECRET, SECRET UE, CONFIDENTIEL UE jew RESTREINT UE.

2. Il-klassifikazzjonijiet ta' sigurtà korrispondenti huma:

| Fl-Unjoni Ewropea | Fl-Istati Uniti ta' l-Amerika |
|---|---|
| TRÈS SECRET UE/EU TOP SECRET | TOP SECRET |
| SECRET UE | SECRET |
| CONFIDENTIEL UE | CONFIDENTIAL |
| RESTREINT UE | (L-ebda ekwivalenti għall-Istati Uniti) |

3. L-informazzjoni klassifikata provduta minn Parti waħda lill-oħra għandha tkun ittimbrata, immarkata jew speċifikata bl-isem tal-Parti li tirrilaxxha. L-informazzjoni klassifikata provduta minn Parti waħda għandha tkun protetta mill-Parti riċeventi b'mod mill-inqas ekwivalenti għal dak li jingħatalha mill-Parti li tirrilaxxha.

*Artikolu 4*

**Protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata**

1. Kull Parti għandha jkollha sistema ta' sigurtà u miżuri ta' sigurtà attwati abbażi tal-prinċipji bażiċi u l-istandards minimi ta' sigurtà stabbiliti fil-liġijiet u r-regolamenti rispettivi tagħha, sabiex tiżgura li jiġi applikat livell ekwivalenti ta' protezzjoni lill-informazzjoni klassifikata. Fuq talba, kull Parti għandha tipprovdi lill-Parti l-oħra b'informazzjoni dwar l-istandards ta' sigurtà, il-proċeduri u l-prattika tagħha, inkluż it-taħriġ, għas-salvagwardja ta' informazzjoni klassifikata.

2. Il-Parti riċeventi għandha tagħti livell ta' protezzjoni lill-informazzjoni klassifikata li tirċievi mill-Parti li tirrilaxxha mill-inqas ekwivalenti għal dak li jingħatalha mill-Parti li tirrilaxxha.

3. Il-Parti riċeventi m'għandhiex tuża jew tippermetti l-użu ta' informazzjoni klassifikata għal kwalunkwe skop ieħor li ma jkunx dak li għalih ġiet provduta mingħajr l-approvazzjoni bil-miktub minn qabel tal-Parti li tirrilaxxha.

4. Il-Parti riċeventi m'għandhiex tirrilaxxa jew tiżvela ulterjorment informazzjoni klassifikata mingħajr l-approvazzjoni bil-miktub minn qabel tal-Parti li tirrilaxxha.

5. Il-Parti riċeventi għandha tikkonforma ma kwalunkwe limitazzjoni dwar ir-rilaxx ulterjuri ta' informazzjoni klassifikata kif tista' tkun speċifikata mill-Parti li tirrilaxxha meta din tiżvelha.

6. Il-Parti riċeventi għandha tiżgura li d-drittijiet ta' l-oriġinatur ta' informazzjoni klassifikata provduta jew skambjata taħt dan il-Ftehim, kif ukoll id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali bħal privattivi, drittijiet ta' l-awtur jew sigrieti kummerċjali, huma protetti b'mod adegwat.

7. L-ebda individwu m'għandu jkun intitolat li jkollu aċċess għal informazzjoni klassifikata riċevuta mill-Parti l-oħra abbażi ta' pożizzjoni, ħatra, jew approvazzjoni ta' sigurtà biss. L-aċċess għal informazzjoni klassifikata għandu jingħata biss lil dawk l-individwi li d-dmirijiet uffiċjali tagħhom jeħtieġu tali aċċess u li, fejn meħtieġ, ingħataw l-approvazzjoni meħtieġa ta' sigurtà għall-persunal skond l-istandards preskritti tal-Partijiet.

8. Il-Parti riċeventi għandha tiżgura li l-individwi kollha li jkollhom aċċess għal informazzjoni klassifikata jiġu informati dwar ir-responsabbiltajiet tagħhom sabiex jipproteġu l-informazzjoni skond il-liġijiet u r-regolamenti applikabbli.

*Artikolu 5*

**Approvazzjonijiet ta' sigurtà għall-persunal**

1. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li l-persuni kollha li fit-twettiq tad-dmirijiet uffiċjali tagħhom jeħtieġu aċċess, jew li d-dmirijiet jew il-funzjonijiet tagħhom jistgħu jagħtuhom aċċess, għal informazzjoni klassifikata CONFIDENTIEL UE jew CONFIDENTIAL jew ogħla provduta jew skambjata taħt dan il-Ftehim ikunu ngħataw l-approvazzjoni ta' sigurtà adegwata qabel ma dawn jingħataw aċċess għal tali informazzjoni.

2. Id-determinazzjoni minn Parti dwar l-għoti ta' l-approvazzjoni ta' sigurtà għall-persunal lil individwu għandha tkun konsistenti ma' l-interessi ta' sigurtà ta' dik il-Parti u għandha tkun ibbażata fuq l-informazzjoni disponibbli kollha waqt li tindika jekk l-individwu ikunx ta' lealtà, integrità u affidabbiltà indiskutibbli.

3. L-approvazzjonijiet ta' sigurtà ta' kull Parti għandhom ikunu bbażati fuq investigazzjoni adegwata mwettqa f'dettall suffiċjenti sabiex tipprovdi assigurazzjoni li l-kriterji msemmija fil-paragrafu 2 intlaħqu fir-rispett ta' kwalunkwe individwu li għandu jingħata aċċess għal informazzjoni klassifikata. Għall-UE, l-Awtorità għas-Sigurtà Nazzjonali (NSA) prinċipali tal-gvern ta' l-individwu kkonċernat tkun l-awtorità kompetenti responsabbli għat-twettiq ta' l-investigazzjonijiet ta' sigurtà meħtieġa fuq iċ-ċittadini tagħha.

*Artikolu 6*

**Trasferiment ta' kustodja**

Il-Parti li tirrilaxxa l-informazzjoni għandha tiżgura li l-informazzjoni klassifikata kollha tkun protetta b'mod adegwat sa meta l-kustodja ta' l-informazzjoni tiġi trasferita lill-Parti riċeventi. Il-Parti riċeventi għandha tiżgura li l-informazzjoni klassifikata kollha tal-Parti l-oħra tkun protetta b'mod adegwat hekk kif hi jkollha l-kustodja ta' l-informazzjoni li tkun ġiet rilaxxata lilha.

*Artikolu 7*

**Sigurtà tal-faċilitajiet u ta' l-istabbilimenti tal-Partijiet fejn tinżamm l-informazzjoni klassifikata**

Skond il-liġijiet u r-regolamenti applikabbli, kull Parti għandha tiżgura s-sigurtà tal-faċilitajiet u ta' l-istabbilimenti fejn tinżamm l-informazzjoni klassifikata rilaxxata lilha mill-Parti l-oħra, u tiżgura li għal kull tali faċilità jew stabbiliment jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa għall-kontroll u l-protezzjoni ta' l-informazzjoni.

*Artikolu 8*

**Rilaxx ta' informazzjoni klassifikata lill-kuntratturi**

1. L-informazzjoni klassifikata riċevuta mill-Parti l-oħra tista' tiġi provduta lil kuntrattur jew lil kuntrattur prospettiv bil-kunsens bil-miktub minn qabel tal-Parti li tirrilaxxha. Qabel ir-rilaxx jew l-iżvelar lil kuntrattur jew lil kuntrattur prospettiv ta' kwalunkwe informazzjoni klassifikata li tkun irċeviet mill-Parti l-oħra, il-Parti riċeventi għandha tiżgura li tali kuntrattur jew kuntrattur prospettiv, u l-faċilità tal-kuntrattur, ikollhom il-kapaċità li jipproteġu l-informazzjoni u jkollhom approvazzjoni adegwata.

2. Dan l-Artikolu m'għandux japplika għall-persunal impjegat mill-Unjoni Ewropea b'kuntratt ta' xogħol jew mill-Istati Uniti b'kuntratt ta' servizzi personali.

*Artikolu 9*

**Trasmissjoni**

1. L-informazzjoni klassifikata għandha tiġi trasmessa bejn il-Partijiet permezz ta' mezzi miftiehma b'mod reċiproku.

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim:

(a) Fir-rigward ta' l-UE, l-informazzjoni klassifikata bil-miktub kollha għandha tinbagħat lill-Uffiċjal Kap tar-Reġistru tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea. L-informazzjoni kollha ta' dan it-tip għandha tintbagħat mill-Uffiċjal Kap tar-Reġistru tal-Kunsill lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea, suġġett għall-paragrafu 3;

(b) Fir-rigward ta' l-USG, l-informazzjoni klassifikata bil-miktub kollha għandha tinbagħat, sakemm ma jkunx previst diversament, permezz tal-Missjoni ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika lill-Unjoni Ewropea, fl-indirizz li ġej:

Mission of the United States of Amerika to the European Union
Registry Officer
Rue Zinner 13
B-1000 Brussels

2. It-trasmissjoni elettronika ta' informazzjoni klassifikata sal-livell CONFIDENTIAL/CONFIDENTIEL UE bejn l-USG u l-UE u bejn l-UE u l-USG għandha tkun f'forma kriptografika skond ir-rekwiżiti tal-Parti li tirrilaxxha kif deskritt fil-linji politiċi u r-regolamenti ta' sigurtà tagħha. Ir-rekwiżiti tal-Parti li tirrilaxxa l-informazzjoni għandhom jiġu sodisfatti meta l-informazzjoni klassifikata tkun qed tiġi trasmessa, maħżuna u pproċessata fin-*networks* interni tal-Partijiet.

3. Eċċezzjonalment, l-informazzjoni klassifikata minn Parti waħda li tkun aċċessibbli biss għal uffiċjali, organi jew servizzi kompetenti speċifiċi ta' dik il-Parti tista', għal raġunijiet operattivi, tiġi indirizzata u tkun aċċessibbli biss għal uffiċjali, organi jew servizzi speċifiċi tal-Parti l-oħra nominati b'mod speċifiku bħala riċeventi, b'kont meħud tal-kompetenzi tagħhom u skond il-prinċipju ta' ħtieġa ta' tagħrif. Sa fejn jikkonċerna l-UE, tali informazzjoni għandha tiġi trasmessa permezz ta' l-Uffiċjal Kap tar-Reġistru tal-Kunsill, jew ta' l-Uffiċjal Kap tar-Reġistru tad-Direttorat għas-Sigurtà tal-Kummissjoni Ewropea meta tali informazzjoni tkun indirizzata lill-Kummissjoni Ewropea.

*Artikolu 10*

**Żjarat lill-faċilitajiet u lill-istabbilimenti tal-Partijiet**

Meta jkun meħtieġ, il-Partijiet għandhom jikkonfermaw l-approvazzjonijiet ta' sigurtà għall-persunal permezz ta' mezzi miftiehma b'mod reċiproku għal żjarat minn rappreżentanti ta' Parti waħda lill-faċilitajiet u lill-istabbilimenti tal-Parti l-oħra.

*Artikolu 11*

**Żjarat reċiproċi ta' sigurtà**

L-implimentazzjoni tar-rekwiżiti ta' sigurtà stabbiliti f'dan il-Ftehim tista' tiġi vverifikata permezz ta' żjarat reċiproċi mill-persunal tas-sigurtà tal-Partijiet bil-ħsieb ta' l-evalwazzjoni ta' l-effikaċja tal-miżuri meħuda taħt dan il-Ftehim u l-arranġament tekniku ta' sigurtà li għandu jiġi stabbilit skond l-Artikolu 13 għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata provduta jew skambjata bejn il-Partijiet. Għalhekk, ir-rappreżentanti tas-sigurtà ta' kull Parti, wara konsultazzjoni minn qabel, jistgħu jingħataw permess sabiex iżuru lill-Parti l-oħra u sabiex jiddiskutu u josservaw il-proċeduri implimentattivi tal-Parti l-oħra. Il-Parti ospitanti għandha tassisti lir-rappreżentanti tas-sigurtà fuq żjara sabiex jiġi determinat jekk l-informazzjoni klassifikata li tkun irċeviet mill-Parti fuq żjara tkunx qiegħda tiġi protetta b'mod adegwat.

*Artikolu 12*

**Sorveljanza**

1. Għall-USG, is-Segretarji ta' Stat u Difiża u d-Direttur ta' l-Intelligence Nazzjonali għandhom jissorveljaw l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.

2. Għall-UE, is-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill u l-Membri tal-Kummissjoni responsabbli għal kwistjonijiet ta' sigurtà għandhom jissorveljaw l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 13*

**Arranġament tekniku ta' sigurtà**

1. Sabiex jiġi implimentat dan il-Ftehim, għandu jiġi stabbilit arranġament tekniku ta' sigurtà fost it-tliet awtoritajiet nnominati fil-paragrafi 2 sa 4 sabiex jistabbilixxu l-istandards għall-protezzjoni reċiproka ta' sigurtà għall-informazzjoni klassifikata provduta jew skambjata bejn il-Partijiet taħt dan il-Ftehim.

2. Id-Dipartiment ta' Stat ta' l-Istati Uniti, waqt li jaġixxi f'isem il-USG u taħt l-awtorità tiegħu, għandu jkun responsabbli għall-iżvilupp ta' l-arranġament tekniku ta' sigurtà msemmi fil-paragrafu 1 għall-protezzjoni u s-salvagwardja ta' informazzjoni klassifikata provduta lill-USG jew skambjata miegħu taħt dan il-Ftehim.

3. L-Uffiċċju tas-Sigurtà tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, taħt id-direzzjoni u f'isem is-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill, waqt li jaġixxi f'isem il-Kunsill u taħt l-awtorità tiegħu, għandu jkun responsabbli għall-iżvilupp ta' l-arranġament tekniku ta' sigurtà msemmi fil-paragrafu 1 għall-protezzjoni u s-salvagwardja ta' informazzjoni klassifikata provduta lill-Kunsill jew lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill jew skambjata magħhom taħt dan il-Ftehim.

4. Id-Direttorat għas-Sigurtà tal-Kummissjoni Ewropea, waqt li jaġixxi taħt l-awtorità tal-Membru tal-Kummissjoni responsabbli għal kwistjonijiet ta' sigurtà, għandu jkun responsabbli għall-iżvilupp ta' l-arranġament tekniku ta' sigurtà msemmi fil-paragrafu 1 għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata provduta jew skambjata taħt dan il-Ftehim mal-Kummissjoni Ewropea.

5. Għall-UE, l-arranġament għandu jkun suġġett għall-approvazzjoni mill-Kumitat ta' Sigurtà tal-Kunsill.

*Artikolu 14*

**Degradar u deklassifikazzjoni**

1. Il-Partijiet jaqblu li informazzjoni klassifikata għandha tingħata klassifikazzjoni aktar baxxa hekk kif l-informazzjoni ma tibqax teħtieġ dak il-livell ogħla ta' protezzjoni jew għandha tiġi deklassifikata hekk kif l-informazzjoni ma tibqax teħtieġ protezzjoni kontra żvelar mhux awtorizzat.

2. Il-Parti li tirrilaxxa l-informazzjoni għandha diskrezzjoni sħiħa rigward id-degradar jew id-deklassifikazzjoni ta' l-informazzjoni klassifikata tagħha stess. Il-Parti riċeventi m'għandhiex tbaxxi l-klassifikazzjoni ta' sigurtà jew tiddeklassifika informazzjoni li tkun irċeviet mill-Parti l-oħra, minkejja kwalunkwe istruzzjoni evidenti ta' deklassifikazzjoni fuq id-dokument, mingħajr il-kunsens minn qabel u bil-miktub tal-Parti li tirrilaxxha.

*Artikolu 15*

**Telf jew kompromess**

Il-Parti li tirrilaxxa l-informazzjoni għandha tiġi informata ma' l-iskoperta ta' kwalunkwe telf jew kompromess ippruvat jew suspettat ta' l-informazzjoni klassifikata tagħha, u l-Parti riċeventi għandha tagħti bidu għal investigazzjoni sabiex tiddetermina ċ-ċirkostanzi. Ir-riżultati ta' l-investigazzjoni u l-informazzjoni rigward miżuri meħuda sabiex tiġi evitata rikorrenza għandhom jintbagħtu lill-Parti li tirrilaxxa l-informazzjoni. L-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 13 jistgħu jistabbilixxu proċeduri għal dak il-għan.

*Artikolu 16*

**Riżoluzzjoni ta' disputi**

Kwalunkwe differenza bejn il-Partijiet li tirriżulta taħt jew li hi relatata ma' dan il-Ftehim għandha tiġi riżolta biss permezz ta' konsultazzjonijiet bejn il-Partijiet.

*Artikolu 17*

**Spejjeż**

Kull Parti għandha tkun responsabbli għall-ħlas ta' l-ispejjeż tagħha stess li tkun għamlet fl-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 18*

**Abbiltà ta' protezzjoni**

Qabel l-għoti jew l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata bejn il-Partijiet, l-awtoritajiet ta' sigurtà responsabbli msemmija fl-Artikolu 12 għandhom jaqblu li l-Parti riċeventi tkun kapaċi tipproteġi u tissalvagwardja l-informazzjoni suġġetta għal dan il-Ftehim b'mod konsistenti ma' l-arranġament ta' sigurtà teknika li għandu jiġi stabbilit skond l-Artikolu 13.

*Artikolu 19*

**Ftehim oħrajn**

Xejn f'dan il-Ftehim m'għandu jbiddel il-ftehim jew l-arranġamenti eżistenti bejn il-Partijiet, lanqas ftehim bejn l-USG u l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea. Dan il-Ftehim m'għandux jipprekludi lill-Partijiet milli jikkonkludu Ftehim oħrajn relatati mal-provvediment jew l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata suġġetta għal dan il-Ftehim sakemm dawn ma jkunux inkompatibbli ma' l-obbligi taħt dan il-Ftehim.

*Artikolu 20*

**Dħul fis-seħħ, emendament u denunzja**

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fid-data ta' l-aħħar firma mill-Partijiet.

2. Kull Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra bi kwalunkwe bidla fil-liġijiet u fir-regolamenti tagħha li jistgħu jolqtu l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata msemmija f'dan il-Ftehim. F'tali każijiet, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw bil-ħsieb li jemendaw dan il-Ftehim skond il-paragrafu 3 kif meħtieġ.

3. L-emendi għall-Ftehim preżenti għandhom isiru permezz ta' qbil reċiproku bil-miktub tal-Partijiet.

4. Kull Parti tista' tiddenunzja dan il-Ftehim billi tinnotifika lill-Parti l-oħra, bil-miktub, disgħin jum minn qabel dwar l-intenzjoni tagħha li tiddenunzja l-Ftehim. Minkejja d-denunzja ta' dan il-Ftehim, l-informazzjoni klassifikata kollha provduta skond dan il-Ftehim għandha tkompli tkun protetta skond dan il-Ftehim. Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw immedjatament dwar id-dispożizzjoni ta' tali informazzjoni klassifikata.

B'XIEHDA ta' DAN, is-sottoskritti, li huma debitament awtorizzati sabiex jagħmlu dan mill- Awtoritajiet rispettivi tagħhom, iffirmaw dan il-Ftehim.

Magħmul f' Washington fit-tletin jum ta' April 2007 f'żewġ kopji, kull waħda bil-lingwa Ingliża.

*għall-Unjoni Ewropea*



*għall-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika*

